PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0348/2012**

22.10.2012

# RAPPORT

dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew
(C7-0195/2012 – 2012/0806(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Sharon Bowles



*Magħquda fid-diversità*

## WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW......................................3

ANNESS 1: CURRICULUM VITAE TA' YVES MERSCH ....................................................6

ANNESS 2: TWEĠIBIET TA’ YVES MERSCH GĦALL-KWESTJONARJU.......................9

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..................................................33

# PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħatra ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew**
**(C7-0195/2012 – 2012/0806(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Lulju 2012[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 283(2), it-tieni inċiż, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill Ewropew (C7-0195/2012),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 109 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0348/2012),

A. billi, bl-ittra tat-13 ta' Lulju 2012, li waslet fit-18 ta’ Lulju 2012, il-Kunsill Ewropew ikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar in-nomina ta' Yves Mersch għall-kariga ta' Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għal mandat ta' tmien snin;

B. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament imbagħad evalwa l-kredenzjali tal-kandidat propost, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u tal-ħtieġa tal-indipendenza totali tal-BĊE fil-qasam tal-politika monetarja skont l-Artikolu 130 tat-TFUE, u billi, fil-qafas ta' din l-evalwazzjoni, il-Kumitat irċieva mill-kandidat *curriculum vitae* kif ukoll it-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju miktub li kien intbagħatlu;

C. billi l-Kumitat sussegwentement għamel smigħ mal-kandidat nominat fit-2 ta’ Ottubru 2012, li dan tal-aħħar għamel stqarrija preliminari u mbagħad wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu mill-membri tal-Kumitat;

D. billi kien hemm kunsens wiesa’ li l-kandidat nominat huwa ta’ statura rikonoxxuta u għandu l-kwalifiki professjonali u l-esperjenza f’materji monetarji u bankarji li huma meħtieġa biex jeżerċita l-funzjonijiet ta’ Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE;

E. billi, qabel tmiem il-mandat tal-kariga tas-Sinjura Tumpel-Gugerell, il-MPE informalment qajmu l-kwistjoni ta’ rappreżentanza tan-nisa fil-BĊE;

F. billi, mindu nħoloq il-BĊE sat-tluq tas-Sinjura Tumpel-Gugerell dejjem kien hemm membru mara tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE;

G. billi, skont il-prinċipju ta’ kooperazzjoni sinċiera bejn l-Istati membri u l-Unjoni, kif

[1] OJ *C 215, 21.7.2012, p. 4*

stipulat fl-Artikolu 4(3) tat-TFUE, il-kumitat, qabel it-tmiem tal-mandat tal-kariga tas-Sur Gonzalez-Paramo f'Mejju 2012, żgura li l-Kunsill ikun infurmat, permezz ta' ittra tat-8 ta' Mejju 2012 lill-President tal-Grupp tal-euro mill-president tal-Kumitat, f'isem il-gruppi politiċi kollha, dwar in-nuqqas ta' diversità fil-Bord Eżekuttiv tal-BĊE u dwar il-ħtieġa li titressaq kandidat mara;

H. billi, fl-istess ittra, il-president tal-Kumitat ħeġġeġ lill-Grupp tal-euro biex jimplimenta pjan taż-żmien medju għall-promozzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet influwenti fil-BĊE, bil-banek ċentrali nazzjonali u fil-ministeri tal-finanzi nazzjonali;

I. billi ma waslet l-ebda risposta formali għall-ittra tat-8 ta' Mejju 2012;

J. billi l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistabbilixxi l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

K. billi l-Artikolu 19 tat-TFUE jikkonferixxi setgħat fuq l-Unjoni biex tikkumbatti d-diskriminazzjoni tal-ġeneru;

L. billi d-diversita tal-ġeneru fil-bordijiet u fil-gvernijiet tiżgura kompetenza usa' u perspettivi aktar miftuħa, u billi r-reklutaġġ ta' rġiel biss jew nisa biss ikun ifisser għażla aktar ristretta bis-sogru li jintilfu kandidati potenzjalment eċċellenti;

M. billi l-mandat tal-kariga tal-Bord Eżekuttiv kurenti tal-BĊE jestendi sal-2018, b'tali mod li l-Bord Eżekuttiv potenzjalment jibqa' nieqes mid-diversità tal-ġeneru sa dik id-data;

N. billi, permezz ta' ittra tad-19 ta' Settembru, il-President tal-Parlament Ewropew, wara laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti, talab li l-President tal-Kunsill Ewropew jieħu impenn li jiżgura li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni taħt ir-responsabbiltà tiegħu jimplimentaw miżuri konkreti ħalli jiżguraw bilanċ tal-ġeneru;

O. billi l-Kummissjoni adottat Strateġija ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015 (COM(2010)0491) fil-21 ta' Settembru 2010 fif ukoll rapport dwar il-Progress fuq l-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel fl-2011 (SWD (2012/0085) fis-16 ta' April 2012;

P. billi l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-sorveljanza prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment (id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRD4)), kienet tinkludi rekwiżit li l-istituzzjonijiet jimplimentaw politika li tippromwovi d-diversità tal-ġeneru fil-korp maniġerjali;

Q. billi l-Kunsill Ewropew adotta l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-perjodu mill-2011 sal-2020 fis-7 ta' Marzu 2011;

R. billi l-Parlament adotta riżoluzzjonijiet tat-3 ta' Frar 2012 dwar in-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi[1], tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2010[2], u tas-6 ta' Lulju 2011 dwar in-nisa u t-tmexxija tal-intrapriżi[3];

[1] Testi adottati, (P7_TA(2012)0070).
[2] Testi adottati, (P7_TA(2011)0085).

1. Jagħti opinjoni negattiva dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-ħatra ta' Yves Mersch bħala Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew u jitlob li r-rakkomandazzjoni tiġi rtirata kif ukoll li tiġi ppreżentata lill-Parlament rakkomandazzjoni ġdida;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Gvernijiet tal-Istati Membri.

[3] Testi adottati, (P7_TA(2011)0330).

## ANNESS 1: CURRICULUM VITAE TA' YVES MERSCH

Twieled fl-1 ta' Ottubru 1949 fil-Lussemburgu. Ċittadinanza: Lussemburgiża

**Edukazzjoni**

1973 Master fil-liġi

L-Università ta' Pariġi 1 Panthéon Sorbonne

1974 Lawrja postgraduate fil-liġi pubblika internazzjonali

Master fix-xjenzi politiċi

L-Università ta' Pariġi 1 Panthéon Sorbonne

1975 Lawrja postgraduate fix-xjenzi politiċi

L-Università ta' Pariġi 1 Panthéon Sorbonne

**Karriera professjonali**

1974 Ġie ammess għall-professjoni ta' avukat fil-Lussemburgu

Assistent għalliem fil-liġi pubblika

L-Università ta' Pariġi tan-Nofsinhar 11

1975 Assistent fil-Ministeru tal-Finanzi

1976 - 1978 Ġie ssekondat lill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) f'Washington D.C.

1978 – 1979 Attaché fil-Ministeru tal-Finanzi

1980 - 1981 Konsulent finanzjarju fir-Rappreżentanza Permanenti tal-Lussemburgu għall-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, New York

1981 Konsulent fil-qasam tar-relazzjonijiet finanzjarji u monetarji internazzjonai fil-Ministeru tal-Finanzi

1983 - 1999 Membru tal-Kunsill tal-Istitut Monetarju tal-Lussemburgu

(Awtorità Superviżorja Prudenzjali)

1985 - 1989 Kummissarju tal-Gvern għall-Borża tal-Lussemburgu (Awtorità tas-Suq tat-Titoli)

1989 - 1998 Direttur tat-Teżor

Rappreżentant Personali tal-Ministru tal-Finanzi matul in-negozjati tat-Trattat ta' Maastricht

Mill-1 ta' Ġunju 1998 Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu (beda t-tielet mandat fil-11 ta' Ġunju 2010)

Membru tal-Kunsill Governattiv u tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew

Mill-2000 President tal-assoċjazzjoni bla profitt "The Bridge Forum Dialogue a.s.b.l", imwaqqfa fl-2000 bil-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fil-Lussemburgu

Mill-2003 Membru tal-kunsill akkademiku tal-Istitut Universitarju Internazzjonali tal-Lussemburgu

Mill-2006 Membru tal-bord tal-fondazzjoni "Luxembourg School of Finance" (LSF)

Mill-2010 Membru tas-"Sezzjoni tax-xjenzi morali u politiċi tal-Istitut Gran Dukali"

Aġent Presdient tal-Bord Governattiv tal-Korporazzjoni tal-Ġestjoni tal-Likwidità Islamika Internazzjonali (International Islamic Liquidity Managment Corporation – IILM)

Mill-2011 Ko President tal-Grupp Konsultattiv Reġjonali għall-Ewropa tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja

Membru votanti tal-Bord Ġenerali tal-Bord tar-Riskju Sistemiku Ewropew

Membru tal-Kumitat tal-Awditjar tal-BĊE

President tal-Fundazzjoni tal-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu (Fondation de la Banque centrale du Luxembourg) li tippromwovi r-riċerka u l-edukazzjoni ogħla fl-oqsma ta' attività tal-BĊL

**Karigi uffiċjali oħra**

Irrappreżenta lill-Lussemburgu fil-korpi li ġejjin:

- il-Kumitat Monetarju tal-Komunitajiet Ewropej (bħala membru alternattiv mill-1982 sal-1985, bħala membru sħiħ mill-1989 sal-1998)
- il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) (bħala Gvernatur alternattiv)
- il-Bank Dinji (bħala Gvernatur alternattiv)
- il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) (bħala Gvernatur alternattiv)
- Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (bħala membru tal-Bord)
- il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa (bħala membru tal-Bord)
- il-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikolu (FIŻA) (bħala Gvernatur)

Amministratur li jirrappreżenta lill-Istat fil-bordijiet tal-korpi li ġejjin:

– ARBED S.A (azzar)

– Société européenne de satellites (SES) (servizzi tas-satellita)

– Kumpanija tal-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet (Entreprise des Postes et Télécommunications)

– Kumpanija nazzjonali tal-akkomodazzjoni (Société Nationale des Habitations à Bon Marché)

– Banque et Caisse d'Epargne de l'Etat

President tal-Export Credit Insurance Office (l-uffiċċju ta' Ducroire)

Presdient tal-Fond għall-ġlieda kontra l-kummerċ tas-sustanzi narkotiċi

Viċi Presidnet tal-Bank "Société nationale de crédit et d'investissement"

**Midalji**

Yves Mersch hu Uffiċjal tal-Ordni Nazzjonali tal-Leġjun tal-Unur (Franza) u Uffiċjal Kbir tal-Ordni tas-Salib tar-Rikonoxximent (il-Latvja).

## ANNESS 2: TWEĠIBIET TA’ YVES MERSCH GĦALL-KWESTJONARJU

### *A. Sfond personali u professjonali*

*1. Jekk jogħġbok semmi l-aspetti ewlenin tal-esperjenza professjonali tiegħek fi kwistjonijiet monetarji, finanzjarji u kummerċjali.*

*2. Jekk jogħġbok semmi l-aspetti ewlenin tal-esperjenza Ewropea u internazzjonali tiegħek.*

Fir-rigward kemm tal-mistoqsija 1 u tal-mistoqsija 2:

Matul il-karriera professjonali kollha tiegħi jien iffokajt fuq kwistjonijiet monetarji u finanzjarji. Dan hu minnu għad-diversi pożizzjonijiet li kelli bħala uffiċjal ċivili kif ukoll bħala bankier ċentrali, li kollha kemm huma kienu f'kuntest Ewropew u internazzjonali.

Minn Mejju tal-1998 'l quddiem kont President tal-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu li ġie stabbilit fil-kuntest tal-introduzzjoni tal-euro u l-istabbiliment tal-BĊE u l-Eurosistema.

F'din il-kapaċità jien Membru wkoll tal-Kunsill Governattiv u dak Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Jien kont membru votanti tal-Bord Ewropew tar-Riskju Sistemiku mill-bidu nett tiegħu fl-2011. Il-Kunsill Governattiv ħatarni fil-Kumit tal-Awditjar tal-BĊE f'Lulju 2011.

Mill-2001 jien ġejt elett Ko-President tal-Grupp Konsultattiv Reġjonali għall-Ewropa tal-Forum għall-Istabilità Finanzjarja.

Jien inħtart Aġent Presdient tal-Bord Governattiv tal-Korporazzjoni tal-Ġestjoni tal-Likwidità Islamika Internazzjonali fl-2010.

Meta kont assistent fuq kariga ta' tagħlim fl-Università ta' Pariġi tan-Nofsinhar jien ġejt ammess għall-professjoni ta' avukat fil-Lussemburgu. Sena wara bdejt il-karriera tiegħi fil-Ministeru tal-Finanzi fid-dipartiment tal-baġit qabel ma tlaqt Washington fil-Fond Monetarju Internazzjonali. Erġajt dħalt fil-Ministeru tal-Finanzi biex nittratta l-kwistjonijiet fiskali u l-politiki strutturali.

Fl-1980 ġejt issekondat lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin fejn sirt membru tar-rappreżentanza permanenti tal-Lussemburgu għan-Nazzjonijiet Uniti f'New York. Fis-snin ta' wara koprejt l-oqsma tal-affarijiet monetarji u r-relazzjonijiet finanzjarji internazzjonali bħala konsulent fil-Ministeru tal-Finanzi. Fl-1985 sirt Kummissarju tal-Gvern fil-Borża tal-Lussemburgu, imbagħad Direttur tat-Teżor fl-1989, kariga li okkupajt għal kważi 10 snin.

Kelli diversi karigi f'impriżi u istituzzjonijiet. Fost oħrajn, kont membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Bank Ewropew tal-Investiment, l-Istitut Monetarju tal-Lussemburgu, Arbed S.A., is-Société Européenne de Satellites, is-State Savings Bank, il-Posta u t-Telekomunikazzjonijiet u l-Kumpanija Nazzjonali tal-Akkomodazzjoni.

Jien kont president tal-Export Credit Insurance Office, president tal-Uffiċċju għall-ġlieda kontra l-ittraffikar tad-droga u l-Viċi President tal-Bank Lussemburgiż għall-Iżvilupp Nazzjonali.

Barra minn hekk, kont il-Gvernatur tal-Fond Internazzjonali għall-Iżvilupp Agrikoli u l-Viċi Gvernatur tal-Bank Dinji kif ukoll tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. Kont membru wkoll tal-Kumitat Monetarju Ewropew u presedejt il-grupp tar-rappreżentanti personali tal-Ministri Finanzjarji tal-UE li abbozza l-patt tal-Unjoni Monetarja Ewropea tat-Trattat ta' Maastricht.

Barra l-esperjenza professjonali tiegħi, kont President tal-assoċjazzjoni bla qligħ "The Bridge Forum Dialogu a.s.b.l." mill-2010, is-sena li fiha nħolqot. L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fil-Lussemburgu jipparteċipaw f'dan il-forum biex jiskambjaw l-ideat fil-kuntest tal-integrazzjoni Ewropea.

*3. Liema kienu l-aktar deċiżjonijiet importanti li kellek sehem fit-teħid tagħhom fil-karriera professjonali tiegħek?*

Jien kelli l-privileġġ li nkun involut f'ħafna negozjati u deċiżjonijiet preparati fil-livell nazzjonali, Ewropew u dak internazzjonali fi kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji. Ħa nsemmi biss xi ftit okkażjonijiet li nqis importanti.

Fil-kariga tiegħu ta' rappreżentant personali tal-Ministru tal-Finanzji tal-Lussemburgu jien ippresedejt il-grupp rispettiv ta' abbozzar matul in-negozjati tat-Trattati ta' Maastricht.

Meta kont fil-FMI jien kont preżenti fit-tranżizzjoni għas-sistema monetarja ta' issa kif stipulat fit-tieni emenda tal-Artikoli tal-FMI.

Jien kont immexxi l-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu minn meta inħoloq fl-1998.

Bla interruzzjoni mill-introduzzjoni tal-euro jien kont membru tal-Kunsill Governattiv u tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE filwaqt li tajt il-kontribut tiegħi għat-twettiq tal-mandat tal-BĊE.

B'mod partikolari, inqis l-isfidi ikkawżati bil-kriżi finanzjarja u sovrana tad-dejn bħala esperjenza importanti. Minn mindu faqqgħet il-kriżi, jien kont involut fid-deċiżjoniet meħuda mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex jittaffew il-konsegwenzi għas-settur finanzjarju u għall-ekonomija reali fiż-żona tal-euro.

*4. Għandek xi negozju jew xi investimenti finanzjarji jew xi impenji oħrajn li jistgħu jfixkluk milli taqdi d-dmirijiet prospettivi tiegħek, u hemm xi fatturi personali jew fatturi oħrajn rilevanti li jridu jitqiesu mill-Parlament meta jkun qed jikkunsidra n-nomina tiegħek?*

Le.

*5. X'se jkunu l-objettivi ewlenini li se tipprova tilħaq matul it-tmien snin tal-mandat tiegħek bħala Membru tal-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew?*

Inqis bħala l-ewwel obbligu u l-iktar obbligu importanti tiegħi li nobdi bis-sħiħ il-mandat tal-BĊE mogħti bit-Trattat.

Skont it-Trattat, l-objettiv primarju tal-BĊE hu li jżomm l-istabilità tal-prezzijiet għall-medda medja taż-żmien għaż-żona tal-euro b'mod ġenerali u, bla ħsara għall-istabilità tal-prezzijiet, li jappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali fl-Unjoni.

Barra minn hekk, skont it-Trattat, il-BĊE għandu objettiv ieħor ta' gwida, ukoll bla ħsara għall-istabilità tal-prezzijiet, li jikkontribwixxi għall-istabilità tas-sistema finanzjarja.

B'konformità mal-kompetenzi tal-BĊE, se naġixxi b'mod indipendenti fl-interess ġenerali taż-żona tal-euro u tal-UE kollha. Bħala konsegwenza, bħala membru tal-bord tal-BĊE, jien mhux se naġixxi bħala aġent tal-Istat Membru li jien ċittadin tiegħu.

Barra minn hekk, jien nagħti valur kbir lill-kompetenza, l-integrità, it-trasparenza u l-responsabilizzazzjoni.

Jien konvint li t-teħid tad-deċiżjonijiet kolleġġjali u attitudni professjonali ħafna huma assi kbar għall-BĊE.

## ***B. Il-politika monetarja tal-BĊE***

*6. Taħseb li nistgħu nilħqu l-punt fejn ikollna narbitraw bejn inflazzjoni baxxa u x-xoljment taż-żona tal-euro? F'sitwazzjoni bħal din, liema alternattiva tippreferi?*

L-Unjoni Monetarja Ewropea tiddependi mill-kunsens li ambjent ta' inflazzjoni baxxa huwa l-aħjar kontribut li l-politika monetarja tista' tagħti lit-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, il-koeżjoni soċjali kif ukoll l-istabilità finanzjarja. Biex jiġu preservati l-appoġġ għall-munita komuni u l-integrità taż-żona tal-euro hija, għalhekk, ta' importanza kbira li l-BĊE iwettaq il-mandat tiegħu li jiżgura l-istabilità tal-prezzijiet.

It-Trattat mhux biss jagħti lill-BĊE mandat ċar li jżomm l-istabilità tal-prezzijiet, imma jipprovdi wkoll limiti ċari ta' dak li l-BĊE jista' jagħmel. Jien nemmen li s-soluzzjoni tal-problemi ekonomiċi strutturali jew tal-iżbilanċi fiskali tmur lil hinn mill-mezzi tal-bank ċentrali u għandha tiġi trattata permezz ta' politiki ekonomiċi u fiskali xierqa.

F'dan ir-rigward, il-gvernijiet taż-żona tal-euro esprimew l-impenn sod tagħhom li jagħmlu kulma hu meħtieġ biex isolvu l-kriżi kurrenti tad-dejn sovran fiż-żona tal-euro u li jippreservaw l-euro. Dan l-impenn huwa kkonfermat permezz tal-progress inkoraġġanti lejn il-ksib mill-ġdid ta' pożizzjonijiet fiskali sodi fiż-żona tal-euro kollha u l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali biex terġa' tinkiseb il-kompetittività partikolarment fl-Istati Membri iktar vulnerabbli, għalkemm għad iridu jiġu garantiti sforzi iktar determinanti. U dan l-impenn hu rifless ukoll fir-rieda tal-mexxejja Ewropej li jimxu 'l quddiem bir-riformi istituzzjonali fil-livell Ewropew bil-għan li jagħmlu l-UEM proporzjonata bis-sħiħ mal-unjoni monetarja.

Fl-istess ħin, il-politika monetarja tal-BĊE matul il-kriżi kienet effettiva biex tikkontrolla riżultati agħar. Jien konvint li l-istrateġija tal-politika monetarja tal-BĊE hija mgħammra tajjeb ħafna biex tindirizza l-isfidi tal-kriżi kurrenti. L-aspettativi tal-inflazzjoni għal medda twila ta' żmien u li huma ankrati sew f'ambjent ta' pressjoni tal-inflazzjoni baxxa għamluha possibbli l-BĊE inaqqas ir-rati tal-interess għal livelli baxxi ħafna, filwaqt li ġie appoġġjat it-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, il-BĊE implimenta sensiela ta' miżuri mhux standard tal-politika monetarja bħala appoġġ għall-proċess ta' trażmissjoni tal-politika monetarja bil-

għan li tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet, u b'hekk, jiġu appoġġjati l-fluss tal-kreditu għall-ekonomija reali u wkoll l-istabilità tas-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro.

*7. X'inhi l-fehma tiegħek dwar l-eteroġeneità tal-kundizzjonijiet monetarji fiż-żona tal-euro u l-impatt tagħha fuq il-politika monetarja unitarja tal-BĊE?*

Għalkemm xi grad ta' differenzjament nazzjonali fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji huwa fattur normali f'unjoni monetarja, l-eteroġeneità żdiedet fiż-żona tal-euro matul il-kriżi. B'mod partikolari, il-kundizzjonijiet monetarji ġew frammentati dejjem iktar fil-pajjiżi differenti. Is-swieq tal-flus ixxekklu, speċjalment bejn il-fruntieri nazzjonali. It-treġġigħ lura tal-flussi finanzjarji transkonfinali naqqas il-flus u l-iżviluppi tal-kreditu f'diversi pajjiżi taż-żona tal-euro. Din hi sfida għall-tmexxija u t-trażmissjoni tal-politika monetarja unika.

Il-livell kurrenti ta' eteroġeneità jirrifletti żbilanċi fiskali, makroekonomiċi u finanzjarji akkumulati matul iż-żmien f'ħafna pajjiżi taż-żona tal-euro, kif ukoll pass varjat fil-korrezzjoni ta' dawn l-iżbilanċi. L-iżbilanċi jikkonsistu b'mod partikolari f'livelli għolja ta' dejn fis-settur pubbliku u f'dak privat u vulnerabilitajiet fis-settur finanzjarju. Biex jerġa' jkun hemm il-kompetittività f'dawn il-pajjiżi jirrikjedi aġġustament relattivi sostanzjali tal-prezzijiet. Huma meħtieġa wkoll politiki strutturali u fiskali sodi biex ikun żgurat li nirritornaw għat-triq tat-tkabbir sostenibbli.

Il-politika monetarja tal-BĊE hija mmirata lejn iż-żamma tal-istabilità tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro b'mod ġenerali. Numru ta' miżuri mhux standard tal-politika monetarja adottati waqt il-kriżi kkontribwixxew biex jiżguraw trażmissjoni iktar omoġenja tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro kollha fid-dawl taż-żamma tal-istabilità tal-prezzijiet. Jekk inħarsu 'l quddiem, il-politika monetarja ma tistax tipprovdi soluzzjoni fit-tul għall-kawżi sottostanti tal-eteroġeneità. Filwaqt li l-politiki tal-BĊE jistgħu jgħinu biex ikun żgurat proċess ta' aġġustament b'inqas skossi u joffri serħan temporanju, dawn ma jistgħux jissostitwixxu l-aġġustamenti strutturali neċessarji fl-ekonomiji taż-żona tal-euro. L-azzjoni politika tal-futur għandha trendi titjib f'diversi oqsma u qafas imsaħħaħ ta' governanza. L-ikbar bżonn hu li jiġi implimentat malajr dak li diġà ġie deċiż bħala pass intermedjarju għal iktar integrazzjoni.

Kif ġie indikat mill-President tal-BĊE fl-okkażjoni tal-konferenza stampa tat-2 ta' Awwissu, il-Kunsill Governattiv jaħseb li l-frammentazzjoni finanzjarja xxekkel il-funzjonament effettiv tal-politika monetarja. Aħna rrevedejna diversi sintomi tal-frammentazzjoni tas-suq finanzjarju fid-diskussjoni tagħna. Dawn jinkludu s-sehem tas-self transkonfinali tas-suq tal-flus, li naqas minn 60 % sa nofs l-2011 għal 40 % issa. Id-depożiti interbankarji mhux domestiċi huma fl-iktar livell baxx tagħhom mill-bidu tal-2008 għal diversi pajjiżi. Il-konċentrazzjoni li dejjem tiżdied tar-rikors għal operazzjonijiet tal-Eurosistema li jipprovdu l-likwidità f'xi pajjiżi hija eżempju ieħor ta' din is-segmentazzjoni. Hemm żieda sinifikanti fl-użu tal-kollateral domestiku fl-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-BĊE. Is-sehem tal-użu transkonfinali tal-kollateral fiż-żona tal-euro huwa madwar 20 % llum f'paragun ma' 50 % fl-2006. Hemm diverġenza kbira fir-rati repo tal-kollateral ġenerali bejn il-periferija taż-żona tal-euro u s-sovrani li bdew lejn l-aħħar tal-2011. Jeżisti ħafna iktar sinjali ta' frammentazzjoni monetarja. Naqbel mal-President li għandna negħlbu din il-frammentazzjoni.

*8. Taħseb li fil-banek taż-żona tal-euro kien hemm dipendenza eċċessiva fuq il-provvista tal-likwidità mill-BĊE?*

Il-BĊE bidel il-politika ta' aġġudikazzjoni tiegħu għal proċedura ta' offerti b'rata fissa b'aġġudikazzjoni sħiħa f'Ottubru tal-2008, dan minħabba swieq tal-flus tal-euro li ma kenux qed jiffunzjonaw tajjeb u d-deterjorament rapidu tal-fiduċja fis-swieq finanzjarji fid-dinja kollha wara l-falliment tal-bank tal-investiment tal-Istati Uniti Lehman Brothers. Taħt din il-politika ta' adduġikazzjoni, l-ammont tar-riservi tal-bank ċentrali li jinżammu mill-banek f'kull perjodu huwa determinat b'domanda aggregata tal-banek f'dawn l-irkanti. Id-domanda għolja għall-intermedjazzjoni tal-bank ċentrali u l-inċertezza kbira li kien hemm wasslet għal domandi għolja mill-banek għall-kreditu tal-Eurosistema, li qabżu l-bżonnijiet stretti tal-likwidità tas-setturi bankarji. Bħalissa, is-swieq tal-flus fiż-żona tal-euro qed juru grad għoli b'mod mhux tas-sotlu ta' segmentazzjoni, li jeżisti iktar fil-fruntieri nazzjonali, u li wassal għal livelli elevati ħafna ta' intermedjazzjoni mill-bank ċentrali u likwidità eċċessiva ta' madwar EUR 800 biljun. Madankollu, hemm eteroġenejtà sinifikanti tal-banek u anke sistemi bankarji sħaħ wara din il-figura kbira aggregata. Jista' jkun hemm każijiet individwali, f'xi pajjiżi, ta' dipendenza eċċessiva fuq l-għoti ta' fondi tal-Eurosistema.

B'mod ġenerali, jien nemmen li, fil-livell tal-bank individwali, id-dipendenza trid tiġi mmoniterjata speċjalment bil-għan li tkun evitata l-proliferazzjoni ta' mudelli mhux sodi ta' negozju. Fl-aggregat, id-dipendenza hija pjuttost riflessjoni tal-grad ta' segmentazzjoni fis-suq tal-flus u ta' stress fis-suq finanzjarju, li bħalissa huwa għoli ħafna.

B'mod partikolari, hija r-rabta bejn is-sovrani u l-banek li tagħmilha diffiċli għas-sistemi bankarji fil-pajjiżi b'pożizzjonijiet baġitarji iktar dgħajfa biex iżommu jew jerġgħu jiksbu l-aċċess għas-suq b'termini li jifilħu għalihom. Għalhekk, nixtieq nenfasizza li t-titjib kredibbli tad-dinamiki baġitarji huwa essenzjali wkoll mill-perspettiva tat-tnaqqis tad-dipendenza tas-sistemi bankarji fuq il-bank ċentrali f'xi Stati Membri. L-inċertezzi fil-bidliet regolatorji jistgħu jikkontribwixxu wkoll għad-dipendenza żejda fuq l-intermedjazzjoni tal-bank ċentrali.

*9. Bla ħsara għall-objettiv tal-istabilità tal-prezzijiet, fil-fehma tiegħek il-BĊE kif għandu jissodisfa l-obbligi sekondarji tiegħu skont it-Trattat (li jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-impjieg sħiħ) u xi strument jista' juża l-BĊE biex jissodisfahom?*

L-Artikolu 127 tat-Trattat jagħti lill-Eurosistema l-objettiv primarju li żżomm l-istabilità tal-prezzijiet. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ikkwantifika dan l-objettiv billi immira lejn inflazzjoni taħt it-2 %, imma qrib ta' dan, għall-medda medja taż-żmien.

Din id-definizzjoni tqis ukoll il-bżonn li jiġu appoġġjati "[...] l-linji ta' politika ekonomika ġenerali fl-Unjoni bl-għan li tikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi tal-Unjoni kif stipulati fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea". Jien konvint profondament li l-istabilità tal-prezzijiet waħedha hija l-aħjar kontribut li l-politika monetarja tista' tagħti biex toħloq kundizzjonijiet favorevoli għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u din tappoġġja l-politiki ekonomiċi ġenerali tal-Komunità. Din ittejjeb il-funzjonament tal-mekkaniżmu tal-prezzijiet u tippromwovi l-effiċjenza fl-allokazzjoni tar-riżorsi. L-istabilità tal-prezzijiet timminimizza wkoll il-primjum tar-riskju tal-inflazzjoni f'rati ta' interess għall-medda twila ta' żmien u tippreserva l-poter tax-xiri tal-konsumaturi, min jaqla' paga, il-pensjonanti u dawk li jfaddlu.

Barra minn hekk, l-orjentament għall-medda medja ta' żmien tal-politika monetarja tal-BĊE

jgħin biex jankra fis-sod l-aspettativi tal-inflazzjoni filwaqt li fl-istess ħin wieħed jirreaġixxi b'mod xieraq għax-xokkijiet ekonomiċi u finanzjarji li jolqtlu l-ekonomija taż-żona tal-euro, b'kunsiderazzjoni wkoll taż-żmien meħud biex il-politika monetarja tinfiltra ruħha fl-ekonomija. Eżempju ċar tal-importanza tal-orjentament għall-medda medja ta' żmien hija l-kondotta tal-politika monetarja matul il-kriżi finanzjarja kurrenti. Minkejja rati ta' inflazzjoni sospiżi fuq it-2 % fix-xhur li ġejjin, id-deċiżjoni meħuda fil-bidu ta' Lulju 2012 mill-BĊE uriet li dan hu lest li jniżżel ir-rati tal-interss għal livelli storikament baxxi fost pressjonijiet dejjem jonqsu tal-inflazzjoni fl-orizzont politiku relevanti.

Finalment, il-BĊE implimenta sensiela ta' miżuri mhux standard tal-politika monetarja biex jiffaċċja t-tixkil fil-mekkaniżmu tat-trażmissjoni. Dawn il-miżuri ttieħdu speċjalment fl-isfond ta' inċertezzi u limitazzjonijiet fir-rigward tal-fatt li l-finanzjament tal-banek ibbażat fuq is-suq jhedded realment li jagħmel ħsara lis-self tal-banek u joħloq pressjonijiet għad-diżingranaġġ fuq bażi wiesgħa. F'dan ir-rigward, il-miżuri tal-BĊE kienu mmirati li jappoġġjaw il-fluss tal-kreditu lejn l-unitajiet domestiċi u l-kumpaniji biex jitwettaq il-mandat primarju tagħna li nżommu l-istabilità tal-prezzijiet imma fl-istess ħin taw kontribut importanti lill-appoġġ għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fiż-żona tal-euro.

*10. Xi rwoli, relazzjonijiet u sfidi tara għall-BĊE u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità futur? Taħseb li l-BĊE jeħtieġ strumenti ġodda ulterjuri biex ilaħħaq mal-kriżi taż-żona tal-euro?*

Il-BĊE u l-MES futur għandhom mandati definiti b'mod ċar u distinti. L-objettiv primarju u prijoritarju tal-BĊE huwa li jżomm l-istabilità tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro, filwaqt li l-MES se jkun responsabbli għall-preservazzjoni tal-istabilità finanzjarja fiż-żona tal-euro b'mod ġenerali. L-objettivi taż-żewġ istituzzjonijiet – waħda monetarja, l-oħra fiskali – huma kumplimentari, peress li l-istabilità tal-prezzijiet hija kundizzjoni neċessarja għall-istabilità makrofinanzjarja usa', u l-istabilità finanzjarja tappoġġja t-trażmissjoni bla skossi tal-politika monetarja għall-ekonomija reali, u b'hekk tikkontribwixxi għall-istabilità tal-prezzijiet.

Iż-żewġ istituzzjonijiet huma mgħammra b'għodod biex jiksbu l-mandat tagħhom. Il-BĊE iżomm l-istabilità tal-prezzijiet permezz ta' bidliet fir-rati tal-politiki tiegħu – l-għodda standard tiegħu – u miżuri mhux standard li jindirizzaw il-funzjonament ħażin fil-mekkaniżmu ta' trażmissjoni tal-politika monetarja. Il-MES għandu strumenti għad-dispożizzjoni tiegħu biex jissalvagwardja l-istabilità finanzjarja u jevita li din l-istabilità tinfirex inklużi s-self u linji ta' kreditu prekawzjonarju għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, akkwisti tal-bonds sovrani fis-suq primarju u dak sekondarju, u self għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji.  L-appoġġ tal-MES huwa suġġett għall-kundizzjonalità.

Ir-rwol tal-BĊE fil-qafas futur tal-MES huwa definit b'mod ċar fit-Trattat tal-MES. Qabel deċiżjoni li jingħata l-appoġġ tal-MES, il-BĊE se jkun involut biex jevalwa jekk hemmx riskju għall-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro b'mod ġenerali, jiddetermina l-bżonnijiet finanzjarji tal-Membru kkonċernat tal-MES, u jikkollega ma' istituzzjonijiet oħra fid-dawl tan-negozjati u l-monitoraġġ ta' Memoranda ta' Qbil li jiddettaljaw il-kundizzjonalità. Barra minn hekk, il-BĊE se jivvaluta jekk it-turbulenzi u r-riskji eċċezzjonali tas-suq finanzjarju għall-istabilità finanzjarja humiex preżenti u jippermettux l-attivazzjoni tal-akkwisti fis-suq sekondarju mill-MES. Barra minn hekk, il-BĊE u l-Faċilità Ewropea ta' Stabilità Finanzjarja

ffirmaw ftehim tal-aġenziji u b'hekk taw lill-BĊE il-kompitu li jwettaq operazzjonijiet fis-suq f'isem il-FESF, u hu mistenni li jiġi konkluż ftehim simili mal-MES.

Fir-rigward tal-istrumenti biex tiġi ffaċċjata l-kriżi taż-żona tal-euro, il-BĊE għandu l-għodda kollha li għandu bżonn biex tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet b'konformità mal-mandat tiegħu u fil-limiti tat-Trattat. L-indirizzar ta' aspetti iktar wiesgħa tal-kriżi taż-żona tal-euro mhux il-kamp tal-politika monetarja u dan għandu jiġi trattat permezz ta' miżuri determinati mill-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Awwissu, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE qal li l-gvernijiet għandhom ikunu preparati biex jattivaw il-FESF/MES fis-suq tal-bonds meta jkunu jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali fis-suq finanzjarju u riskji għall-istabilità finanzjarja – b'kundizzjonalità stretta u effettiva b'konformita mal-linji gwida stabbiliti.

L-osservanza mill-gvernijiet tal-impenji tagħhom u t-twettiq mill-FESF/MES tar-rwoli taghom huma kundizzjonijiet neċessarji. Kif iddikjara l-President fil-konferenza stampa fit-2 ta' Awwissu, il-Kunsill Governattiv, fi ħdan il-mandat tiegħu li jżomm l-istabilità tal-prezzijiet għall-medda medja ta' żmien u b'osservanza tal-indipendenza tiegħu biex jiddetermina l-politika monetarja, jista' jwettaq operazzjonijiet diretti fis-suq miftuħ ta' daqs adegwat sabiex jilħaq l-objettivi tiegħu. F'dan il-kuntest, il-preokkupazzjonijiet tal-investituri privati dwar is-senjorità se tiġi indirizzata. Barra minn hekk, il-Kunsill Governattivi jista' jqis li jieħu iktar miżuri mhux standard tal-politika monetarja skont dak li hu meħtieġ biex titranġa t-trażmissjoni tal-politika monetarja. Kwalunkwe attività konvinċenti tas-suq, madankollu, tiddependi fuq pjan direzzjonali kredibbli għal iktar integrazzjoni fil-qasam fiskali, finanzjarju u dak politiku.

*11. Kif se tiżgura t-trasparenza fir-rigward tal-Poter Sinifikanti tas-Suq u tal-Programm ta' Xiri ta' Bonds Koperti?*

Il-BĊE jippubblika l-ammonti pendenti tal-Poter Sinifikanti tas-Suq u l-Programm ta' Xiri ta' Bonds Koperti (CBPP2) darba fil-ġimgħa.

*12. Il-BĊE għamel operazzjonijiet mhux konvenzjonali tal-politika monetarja matul l-aħħar erba' snin. Int tqis dan bħala sussidju importanti għas-settur bankarju? Jekk iva, dan għal liema ammont ikun ekwivalenti? Xi tqis li hija l-iskeda biex il-BĊE joħroġ mill-miżuri kurrenti mhux standard?*

L-għan ewlieni tal-miżuri mhux standard adottati mill-BĊE hu li jikkontribwixxu għal mekkaniżmu ta' trażmissjoni li jopera sew tal-politika monetarja. Pereżempju, il-BĊE immira biex jipprovdi appoġġ ta' rifinanzjament għall-karti tal-bilanċ tal-banek taż-żona tal-euro permezz tal-operazzjonijiet tiegħu ta' rifinanzjament għall-medda itwal ta' żmien b'maturità ta' 3 snin kif ukoll permezz tal-proċedura tiegħu ta' aġġudikazzjoni sħiħa fl-operazzjonijiet kollha. Kif dikjarat ukoll mill-President tal-BĊE fis-seduta ta' smigħ tiegħu quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew, dawn il-miżuri saru neċessarji fil-preżenza ta' premia għoljin ta' riskju tal-likwidità bħala konsegwenza ta' inċertezza miżjuda u volatilità fis-suq finanzjarju u għaliex il-banek taż-żona tal-euro kienu

qed iħabbtu wiċċhom ma' ambjent dejjem iktar ta' sfida għar-rifinanzjament tan-negozju tagħhom. Il-miżuri tal-BĊE ikkontribwixxew biex jitnaqqsu dawn il-premia u stabilizzaw l-għoti ta' fondi lill-banek, u ż-żewġ miżuri jistgħu jitqiesu li huma mmirati lejn it-tnaqqis tad-distorzjoni fis-suq.

Il-miżuri mhux standard ġew adottati sabiex jissalvagwardjaw it-trażmissjoni tal-politika monetarja unika li hija mmirata lejn il-preservazzjoni tal-istabilità tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro. Bħall-miżuri kollha tal-politika monetarja, dawn għandhom impatt fuq il-karta tal-bilanċ tal-banek u ta' aġenti ekonomiċi oħra, ħaġa li hija parti mill-proċess ta' trażmissjoni.

Il-miżuri mhux standard jiġu applikati għaż-żmien li huma meħtieġa. Peress li dawn għandhom impatt qawwi fuq il-prezzijiet tas-suq, madankollu, huwa essenzjali l-monitoraġġ mill-qrib tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni u l-bżonn kontinwu tagħhom sabiex ikun evitat li jitfaċċaw konsegwenzi potenzjali negattivi ta' dawn il-miżuri. Dawn il-miżuri huma ta' natura u għamla temporanja. Dawn jiġu mmoniterjati b'mod regolari għall-utilità tagħhom.

*13. Fil-fehma tiegħek, xi rwol għandu jkollhom il-klassifikazzjonijiet sovrani fil-politika tal-BĊE? Taħseb li l-BĊE għandu jaċċetta bħala regola l-bonds kollha tal-gvern taż-żona tal-euro bħala titoli?*

L-Eurosistema tqis ħafna fatturi meta tivvaluta l-istandards tal-kreditu tal-assi eliġibbli bħala kollateral fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja. Il-klassifikazzjonijiet tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu huma fattur importanti wieħed, imma mhux l-uniku element użat biex tiġi valutata l-kwalità tal-assi u biex tkun garantita protezzjoni minn riskju għoli. Fil-każ tas-sovrani li huma taħt programm ta' aġġustament tal-FMI-UE, pereżempju, il-valutazzjoni tal-BĊE tal-programm u l-osservanza ta' dan il-programm mill-pajjiż għandhom rwol kruċjali.

Il-Qafas ta' Evalwazzjoni tal-Kreditu tal-Eurosistema tfassal biex tkun żgurata protezzjoni adegwata mir-riskju għall-Eurosistema fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja tagħha. Dan jistipula l-istandards li l-BĊE japplika għat-titoli, inklużi l-bonds tal-gvern tal-pajjiżi taż-żona tal-euro. L-Eurosistema tista' tillimita l-użu tat-titoli, tirrifjuta t-titoli, jew tapplikalhom restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-bażi ta' kwalunkwe informazzoni li tqis relevanti, jekk dan ikun meħtieġ biex ikun żgurat li t-teħid tar-riskju fl-operazzjonijiet tal-politika monetarja jibqa' adegwat.

Jien nappoġġja l-impenn tal-G20 li jnaqqsu iktar id-dipendenza fuq l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, kif ġie repetutament mitlub mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-PE fil-kuntest ta' reviżjoni tar-regolazzjoni tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Sa fejn naf jien, l-Eurosistema qed taħdem b'mod attivi f'din id-direzzjoni, partikolarment billi ssaħħaħ il-kapaċitajiet interni tagħha tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u billi ttejjeb il-kapaċitajiet tagħha ta' diliġenza dovuta fir-rigward tas-sistemi esterni ta' valutazzjoni tal-kreditu. Dan jirrikjedi approċċ gradwali sabiex tkun tista' tiġi żviluppata internament alternattiva kredibbli u xierqa għall-valutazzjoni tal-affidabilità kreditizja.

*14. Kif tivvaluta s-suċċess tal-inizjattivi tal-Parteċipazzjoni tas-Settur Privat riċenti biex jiġi*

*ristrutturat id-dejn Grieg? Kif nistgħu nkunu ċerti li din mhux se terġa' tkun meħtieġa?*

Ir-ristrutturar tad-dejn sovran Grieg implimentat f'Marzu-April 2012 naqqas l-istokk pendenti tad-dejn pubbliku b'€ 106 biljun jew 50 % tal-PDG.

Dan ir-riżultat kien faċilitat permezz tal-użu ta' klawsoli ta' azzjoni kollettiva li għenu biex tinkiseb ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' 96 %. Madankollu, minkejja l-fatt li dan ir-ristrutturar tad-dejn ikkontribwixxa biex id-dejn pubbliku jerġa' jkun sostenibbli fil-Greċja, dan l-objettiv fl-aħħar mill-aħħar jista' jinkiseb biss jekk l-awtoritajiet Griegi juru perserveranza fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament ekonomiku. Sfortunatament, wara l-approvazzjoni tat-tieni programm għall-Greċja, l-implimentazzjoni politika staġnat filwaqt li l-prospetti makroekonomiċi komplew jiddeterjoraw. Dawn il-fatturi kellhom impatt negattiv fuq is-sostenibilità tad-dejn tal-Greċja. Il-prijorità issa hija li l-gvern jreġġa' l-programm fit-triq tal-progress. F'dan l-istadju ma nqisx li tkun daqshekk ta' għajnuna diskussjoni dwar applikazzjoni oħra tar-ristrutturar tad-dejn. L-ewwel nett, din id-diskussjoni tkompli ddgħajjef l-inċentivi għall-gvern Grieg li jimplimenta l-programm. U t-tieni, ikollha wkoll il-potenzjal li ddgħajjef l-inċentivi favur il-konsolidazzjoni fiskali u r-riformi strutturali f'pajjiżi oħra vulnerabbli taż-żona tal-euro.

*15. Kif tevalwa l-passivi u r-riċevibbli tat-TARGET II li kibru tal-membri tal-BĊE?*

Il-passivi tat-Target II u, b'mod korrispondenti, il-klejms tat-Target II fil-karti tal-bilanċ tal-banek ċentrali nazzjonali fiż-żona tal-euro kibru sew fid-daqs matul il-kriżi finanzjarja. Dan għaliex is-sistemi bankarji ta' xi pajjiżi qed jiffaċċjaw żvojtar tal-pagamenti li mhux qed jaqblu mal-mili tal-pagamenti u ma jistgħux jiġu kkumpensati permezz ta' fondi li jiġu ġenerati fis-suq. Il-kumpens, minflok, qed jiġi mis-self mill-banek ċentrali nazzjonali kontra l-kollateral. Fl-istess ħin, il-pajjiżi fejn qed jimtlew il-pagamenti juru klejms tat-Target II.

Il-bilanċi tat-Target II jirriflettu l-appoġġ tal-Eurosistema li jiżgura li l-banek ta' solvent mhumiex limitati f'dik li hija l-likwidità u li jista' jkun hemm fluss liberu tal-kapital bejn l-Istati Membri. L-iżbilanċi tat-Target II tal-istadju kurrenti jistgħu jiġu evitati jekk ir-rabta ta' ħsara li hemm bejn il-banek u l-gvernijiet tagħhom, li fiha l-banek dgħajfa jiġbdu 'l isfel lill-gvernijiet u bil-kontra, tinħall, jiġifieri jekk il-banek isiru verament Ewropej bħala objettiv għall-medda twila ta' żmien. Fil-każ li tiġi żviluppata unjoni kredibbli tas-suq finanzjarju, akkumpanjata minn kumpatt fiskali u proċedura ta' żbilanċ makroekonomiku li jiffunzjonaw tajjeb, l-iżbilanċi tat-Target II ikunu ħafna inqas qawwija.

Dawn l-iżbilanċi jistgħu wkoll jiġu influwenzati minn infrastrutturi netting li joperaw fil-livell internazzjonali li jinsabu fi ftit pajjiżi.

*16. X'inhi l-opinjoni tiegħek rigward il-pass li bih l-Istati Membri l-ġodda għandhom jissieħbu fl-unjoni monetarja u jadottaw l-euro, meta jitqiesu l-kriterji ta' konverġenza kollha u l-parteċipazzjoni fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju (ERM II)?*

It-Trattat huwa ċar ħafna: għandu jintlaħaq "grad għoli ta' konverġenza sostenibbli" qabel pajjiż ikun jista' jadotta l-euro. Dan ifisser li qari mekkaniku sempliċi tal-kriterji ta' konverġenza, stipulati fl-Artikolu 140 tat-Trattat, mhux biżżejjed. Dak li għandna bżonn hu

valutazzjoni tar-reżistenza tal-adozzjoni tal-euro. Jekk il-konverġenza ekonomika ma tkunx sostenibbli, il-pajjiżi eventwalment se jesperjenzaw problemi, bħat-telf tal-kompetittività u/jew ċikli ta' varjazzjonijiet estremi tal-attività ekonomika. L-esperjenza taż-żona tal-euro provdiet evidenza kbira ta' kemm hu importanti li wieħed jivvaluta sew kemm pajjiż huwa lest għall-adozzjoni tal-euro fuq il-bażi ta' statistiki affidabbli. Dan japplika wkoll għall-parteċipazzjoni fil-Mekkaniżmu tar-Rati tal-Kambju II, li huwa kundizzjoni preliminari neċessarja għall-adozzjoni tal-euro. L-Istati Membri jridu juru li jistgħu jżommu l-istabilità tal-prezzijiet, dixxiplina fiskali u l-kompetittività mingħajr aġġustamenti kbar fir-rata tal-kambju.

B'mod ġenerali, il-pass tal-adozzjoni tal-euro jvarja minn pajjiż għal ieħor peress li dan jiddependi mill-grad ta' konverġenza miksuba. Dwar l-Istati l-Membri l-ġodda li għadhom m'adottawx l-euro (jiġifieri l-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja u r-Rumanija) il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew għamlu l-aħħar valutazzjonijiet tagħhom fir-Rapporti ta' Konverġenza tal-2012 li ġew ippubblikati fit-30 ta' Mejju. F'dan il-punt, l-ebda wieħed minn dawn il-pajjiżi ma jissodisfa l-kriterji ekonomiċi u legali kollha biex jadotta l-euro.

*17. X'inhi l-perspettiva tiegħek dwar l-inizjattiva "Lil hinn mill-PDG"?*

Dan hu kompitu prinċipali għal min ifassal il-politika biex jipprevedi l-massimizzazzjoni tal-benessri taċ-ċittadini tiegħu b'mod sostenibbli. F'dan ir-rigward hu essenzjali u għandu jintlaqa' b'mod tajjeb il-fatt li għandna nissieltu b'mod kostanti għall-aħjar miżura possibbli ta' benessri. Kif kien rifless fid-dibattiti fil-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, huma xierqa miżuri differenti skont l-objettiv ikkonċernat. Il-vantaġġ tal-miżura tal-PDG hu li dan jaqbad b'mod relattivament tajjeb l-attività makroekonomika ta' pajjiż. L-użu tagħha hija xierqa kulmeta l-attività ekonomika tiġi analizzata jew tirrelata għal varjabbli ekonomiku ieħor, bħal-livelli tad-dejn pubbliku.

Għalhekk, l-istatistiki ta' kwalità għolja tal-PDG (u r-rendiment potenzjali) huma essenzjali. Madankollu, jidher naturali li l-miżuri purament ta' rendiment, bħall-PDG, jiġu kumplimentati b'indikaturi oħra meta jiġi valutat il-benessri ġenerali tal-popolazzjoni b'mod partikolari f'perspettiva għal medda itwal ta' żmien. Tali indikaturi jistgħu, fost l-oħrajn, jinkludu l-istat tal-ambjent, l-inklużjoni soċjali jew is-sistema tas-saħħa. Id-data mill-Istħarriġ dwar il-Finanzi u l-Konsum Domestiċi tal-Eurosistema li qed isir bħalissa se żżid informazzjoni interessanti dwar l-aspetti tad-distribuzzjoni tad-dejn u tal-ġid.

*18. X'inhuma, fl-opinjoni tiegħek, l-isfidi prinċipali għas-Sistema Statistika Ewropea fl-għaxar snin li ġejjin?*

Il-kriżi finanzjarja kurrenti wriet kemm hu importanti li l-istatistiki Ewropej joħorgu fil-ħin u jkunu affidabbli u ta' kwalità għolja. Din l-importanza tal-istatistiki għal min ifassal il-politika x'aktarx li se tiżdied iktar. L-iżgurar tal-kredibilità ta' statistiċi ekonomiċi u finanzjarji Ewropej uffiċjali se tkun kundizzjoni neċessarja biex jiġu appoġġjati qafas integrat ta' governanza ekonomika fl-UE u s-sorveljanza makroekonomika globali li tivvaluta t-tkabbir sostenibbli u bbilanċjat fil-G20. Għal dan il-għan se jkunu meħtieġa data ta' kwalità għolja

dwar il-pajjiżi u data iktar dettaljata. L-istandards statistiċi internazzjonali li ġew aġġornati riċentement se jkollhom jiġu implimentati b'mod koordinat fl-UE. Ta' importanza ugwali hija l-kredibilità – u l-indipendenza – tal-istituzzjonijiet li jipproduċu dawn l-istatistiki u li r-riżultati jiġu kkomunikati u jkunu disponibbli faċilment għall-pubbliku bħala prodott pubbliku b'xejn.

L-istatistiki Ewropej jiġu żviluppati, prodotti u jitqassmu kemm mis-Sistema Statistika Ewropea (SSE) kif ukoll mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). Il-Eurostat u l-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika tal-UE, is-SSE, se jiffaċċjaw l-isfidi tat-tisħiħ tas-sistemi tal-ġestjoni tal-kwalità fuq il-bażi tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea u fuq l-indipendenza tagħhom. Il-pajjiżi kollha tal-UE se jkollhom jiffirmaw l-Impenji ta' Fiduċja pjanati. Barra minn hekk, is-SSE se jkollha bżonn tikkoopera iktar mill-qrib mas-SEBĊ fil-qafas b'suċċess tal-Kumitat għall-Istatistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċ tal-Pagamenti, billi tikkoordina u tintegra l-ġbir tad-data u l-proċessi ta' produzzjoni. Dan għandu jgħin biex tinżamm – jew anke tiżdied – il-kwalità tal-istatistiki, filwaqt li titnaqqas l-ispiża globali tal-produzzjoni tal-istatitiki Ewropej.

## ***C. Opinjonijiet dwar il-politika ekonomika tal-UE***

*19. X'jeħtieġ isir biex tingħeleb il-kriżi?*

Il-kriżi għandha tiġi indirizzat kemm fuq livell nazzjonali - permezz ta' konsolidament fiskali u riformi strutturali biex jissaħħaħ il-potenzjal ta' tkabbir - u kemm fuq livell Ewropew - permezz ta' governanza u integrazzjoni msaħħa.

Biex niġġieldu l-kriżi, jeħtieġ nindirizzaw l-għeruq tal-kawżi: dejn eċċessiv tal-gvern, kompetittività insuffiċjenti u żviluppi mhux mixtieqa fis-settur finanzjarju. Għalhekk, gvernijiet li għandhom dejn kbir jeħtieġ inaqqsu proporzjon tad-dejn mal-PDG tagħhom fuq tul ta' żmien medju f'konformità sħiħa mal-qafas ta' governanza msaħħaħ tal-UE. Dan hu aktar importanti għaliex il-proporzjoni għoli tad-dejn tal-gvern qed ikun piż fuq it-tkabbir. Biex ikun limitat l-impatt inizjali negattiv fuq it-tkabbir, il-konsolidament fiskali għandu jiffoka fuq aktar effiċjenza fuq l-infiq filwaqt li jevita tnaqqis mhux meħtieġ fl-investiment pubbliku. Dan l-aġġustament fiskali kredibbli fuq teminu medju ta' żmien iżid il-fiduċja tas-suq finanzjarju u jwassal biex ikun hemm premiums dwar ir-riskju aktar baxxi. Dan jiġi trasmess lis-settur privat u eventwalment jiġġenera żieda fit-tkabbir.

Il-konsolidament fiskali komprensiv neċessarju fl-Ewropa jeħtieġ li jkun akkumpanjat b'mod aktar effettiv minn riformi strutturali bl-għan li jżid it-tkabbir potenzjali u jtejjeb il-kapaċità tal-ekonomiji nazzjonali li jassorbu x-xokkijiet. Ħafna mill-pajjiżi li attwalment jinsabu taħt pressjoni tas-suq finanzjarju diġà bdew jintroduċu riformi importanti. Filwaqt li aktar miżuri biex jonqsu r-riġiditajiet attwali fis-swieq tal-prodotti u tal-impjiegi jidhru li huma sfida politika partikolari f'ambjent ta' tkabbir baxx, dawn huma inevitabbli biex jinkiseb tkabbir sostenibbli fuq terminu ta' żmien medju u twil.

Għalhekk, il-kompetizzjoni għandha tkun imsaħħa aktar fis-swieq tal-prodotti, mhux l-inqas bit-tkomplija tas-Suq Uniku, u l-pagi għandhom ikunu aġġustati b'mod flessibbli biex jirriflettu l-kundizzjonijiet u l-produttività tas-suq tax-xogħol.

Barra minn hekk, tkabbir sostenibbli fil-produttività jeħtieġ li jkun promoss permezz ta', inter alia, ffaċilitar tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp, filwaqt tiġi assigurata kwalità għolja ta' edukazzjoni u tagħlim tul il-ħajja. Dawn il-miżuri huma bl-istess mod strumentali biex iżidu l-kompetittività mhux marbuta mal-prezz. Flimkien mat-titjib fil-kompetittività fil-prezz, dawn il-miżuri jistgħu jippromovu l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-Istati Membri u jsaħħu kumpaniji li għandhom kompetizzjoni fl-importazzjoni, fl-istess waqt jerġgħu jiffaċilitaw il-bilanċ meħtieġ fejn għad hemm żbilanċi makroekonomiċi.

Biex ikunu salvagwardati t-tkabbir, l-istabilità u l-prosperità b'mod sostenibbli, teħtieġ azzjoni determinata favur Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina. Il-proposti ppreżentati mill-President tal-Kunsill Ewropew f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Presidenti tal-Kummissjoni, tal-EuroGrupp u tal-BĊE f'Ġunju 2012 juru d-direzzjoni t-tajba. Filwaqt li l-kriżi ġġenerat it-tisħiħ meħtieġ tal-qafas fiskali bbażat fuq ir-regoli, jeħtieġ jittieħdu aktar passi lejn unjoni fiskali li tiżgura li l-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro - u ż-żona tal-euro kollha kemm hi - ssegwi dejjem politiki fiskali sostenibbli. Iż-żona tal-euro teħtieġ ukoll li tersaq lejn qafas ta' politika ekonomika integrat li jżid il-pressjoni bejn il-pari fuq il-pajjiżi biex dawn jimplimentaw ir-riformi strutturali meħtieġa.

Barra minn hekk, ir-riformi fis-settur finanzjarju huma meħtieġa f'bosta Stati Membri. L-impenn politiku biex jiġi introdott reġim superviżorju unifikat skont l-Artikolu 127(6) tat-TFUE jeħtieġ ikun implimentat.

Finalment, hu ferm importanti li integrazzjoni aktar fil-fond fl-EMU tkun akkumpanjata minn responsabilità msaħħa, b'mod partikolari vis-à-vis il-Parlament Ewropew, biex tkun żgurata l-leġittimità demokratika ta' dan il-proċess.

*20. X'jimplika l-ħruġ ta' Bonds ta' Stabilità/Eurobonds għall-governanza ekonomika fiż-żona tal-euro? Għandek preferenzi fost l-għażliet ippreżentati mill-Kummissjoni fil-Green Paper tagħha?*

L-introduzzjoni tal-Eurobonds jew ta' kwalunkwe strument ta' dejn komuni li jinvolvu obbligi fiskali reċiproċi kbar hi ferm dipendenti fuq sekwenza xierqa. Hu biss fattibbli wara trasferiment sinifikanti ta' sovranità fiskali għal-livell tal-UE bl-għan li tintlaħaq unjoni ekonomika ġenwina fiż-żona tal-euro. Mingħajr dan it-trasferiment ta' sovranità, li jippermetti governanza ekonomika effettiva, il-ħruġ ta' dejn komuni ma jkollux kredibilità, joħloq sitwazzjoni ta' riskju morali u jista' jdgħajjef l-inċentivi favur politiki fiskali tajba li huma essenzjali f'unjoni ekonomika u monetarja. Politiki fiskali tajba jikkontribwixxu wkoll biex ikun hemm stabilità fil-prezzijiet fl-Eurosistema.

B'sekwenza korretta, il-ħruġ ta' dejn komuni, madankollu, joffri wkoll benefiċċji potenzjali għal integrazzjoni finanzjarja u għal funzjonament tas-suq kif ukoll għal stabilità finanzjarja. Għalhekk, meta tintlaħaq l-unjoni fiskali b'leġittimità demokratika xierqa, jien nara l-ħruġ komuni ta' dejn sovran mill-Istati Membri taż-żona tal-euro bħala integrazzjoni possibbli.

*21. X'taħseb li huma l-objettivi l-aktar importanti għall-istrateġija għat-tkabbir u l-impjieg sal-2020? Il-BĊE u l-istrumenti ta' koordinament tal-politika ekonomika kif jistgħu*

*jikkontribwixxu għas-suċċess ta' din l-istrateġija? Jekk jogħġbok elenka skont l-importanza r-riformi strutturali li temmen li huma prijorità fl-UE u agħti raġunijiet għall-għażliet tiegħek.*

L-Istati Membri jeħtieġ li jkabbru l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji tagħhom, li kien wieħed relattivatment modest għalkemm f'ħafna pajjiżi Ewropej naqas fis-snin preċedenti, b'mod sostenibbli. Sabiex dan jintlaħaq, il-politika ekonomika tal-Istati Membri għandha ssostni l-innovazzjoni, tipprovdi ambjent li jinkoraġġixxi n-negozju u ssaħħaħ il-kompetittività billi tnaqqas ir-riġiditajiet attwali fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol. Dan l-ambjent joħloq kundizzjoni tajba ferm għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u għall-ħolqien tal-impjiegi.

L-istrateġija miftehma Ewropa 2020 u l-Patt tal-Euro Plus, li għalihom numru kbir ta' pajjiżi tal-UE impenjaw lilhom infushom, jenfasizzaw oqsma importanti ta' riformi strutturali li l-pajjiżi jeħtieġ jindirizzaw. L-ordni ta' importanza tar-riforma strutturali hi speċifika għal kull pajjiż u tvarja bejn il-pajjiżi tal-UE. Dan minkejja, li jeħtieġ isiru riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir taħt forma ta' riformi ambizzjużi li jsaħħu l-flessibilità u l-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u tax-xogħol f'ħafna Stati u b'mod partikolari fiż-żona tal-euro fejn il-mekkaniżmu ewlieni ta' aġġustament hu l-flessibilità tal-prezz u tal-paga. Ir-riformi fis-swieq tax-xogħol għandhom jiżguraw li l-pagi jiżviluppaw f'konformità mal-produttività għaliex dawn għandhom impatt dirett fuq il-kompetittività tal-pajjiżi. Il-flessibilità tal-pagi hi partikolarment meħtieġa f'perjodi ta' tkabbir produttiv baxx. Biex dan ikun iffaċilitat, għandhom jiġu eliminati indiċi tal-pagi awtomatiċi, tiġi skrutinizzata sew il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-impjiegi, u jissaħħu l-ftehimiet fuq livell ta' kumpaniji. Barra minn hekk, bidliet għal sistemi ta' assigurazzjoni ta' persuni qiegħda u ta' politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol għandhom jiffaċilitaw ir-rilokazzjoni ta' riżorsi lejn kumpaniji u setturi aktar kompetittivi. Fir-rigward tas-swieq tal-prodotti, ħlasijiet eċċessivi b'mod partikolari fi professjonijiet protetti għandhom jiġu indirizzati b'mod urġenti. Hu ġġustifikat kuraġġ quddiem lobbying minn gruppi privileġġati u quddiem l-interess settorjali biex tiżdied il-kompetizzjoni u jinfetħu professjonijiet magħluqa u tiġi liberalizzata l-immigrazzjoni. Marġni ta' profitti eċċessivi huma partikolarment prevalenti f'setturi domestiċi orjentati lejn is-servizz.

L-innovazzjoni għandha tkun sostnuta permezz tal-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp imma wkoll permezz ta' edukazzjoni ogħla u tagħlim tul il-ħajja. Intwera li l-edukazzjoni vokazzjonali kienet suċċess f'diversi Stati Membri biex trażżan il-qgħad fost iż-żgħażagħ u tista' tiġi imitata minn pajjiżi li attwalment għandhom rati għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ. Barra minn hekk, l-ambjent tan-negozju jista' jiġi mtejjeb f'ħafna Stati Membri billi titnaqqas il-burokrazija. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri tibqa' r-responsabilità fundamentali tal-Istati Membri. Fl-isfond tal-kriżi attwali, li fost oħrajn żvelat id-dgħufijiet tal-mekkaniżmi eżistenti tal-UE għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, għandhom jiġu esplorati modi li jsaħħu inċentivi sabiex l-Istati Membri jwettqu r-riformi strutturali meħtieġa, inklużi modi li jsaħħu l-pressjoni fost il-pari bejn l-Istati Membri.

Fil-fehma tiegħi, il-BĊE jista' jagħti l-aħjar kontribut għal tkabbir sostenibbli u jinkoraġġixxi investiment mis-settur privat fuq perjodu twil ta' żmien billi jiggarantixxi l-istabilità tal-prezzijiet.

*22. X'inhi l-fehma tiegħek dwar taxxa fuq tranżazzjonijiet finanzjarji? Taħseb li taxxa fuq it-*

*tranżazzjonijiet tal-muniti li jinvolvu l-euro jista' jkollha effetti ta' benefiċċju – pereżempju billi tistabbilizza r-rati tal-kambju ta' pajjiżi li jixtiequ jissieħbu fiż-żona tal-euro fil-futur? X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-possibilità li tkun implimentata taxxa fuq tranżazzjoni finanzjarja f'għadd biss ta' Stati Membri?*

Jeżistu diversi proposti dwar it-tassazzjoni fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji. Taxxa fuq tranżazzjonijiet tal-muniti hi partikolarment problematika, għaliex tirrestrinġi l-moviment liberu tal-kapital. L-aħħar proposta mill-Kummissjoni teskludi tranżazzjonijiet fuq il-muniti, imma jien xorta nara diversi żvantaġġi ta' taxxa fuq tranżazzjoni finanzjarja. Il-proponenti qed jargumentaw li TTF tista' simultanjament (i) tnaqqas il-volatilità fis-swieq finanzjarji, (ii) tissalvagwarda l-integrità tas-suq finanzjarju uniku u (iii) tipprovdi introjtu li jista' jservi biex jiġu internalizzati l-ispejjeż għar-riżoluzzjoni tas-settur bankarju. Filwaqt li kull wieħed mill-objettivi hu validu fih innifsu, għandi dubju kemm taxxa fuq it-tranżazzjoni finanzjarja tista' tilħaq dawn l-objettivi. It-tnaqqis maħsub fil-volatilità, pereżempju, ma kienx ikkonfermat teoretikament jew permezz tar-riċerka empirika. Pjuttost bil-maqlub: biż-żieda fl-ispejjeż tat-tranżazzjoni tonqos il-likwidità tas-suq.

Barra minn hekk, għal kull objettiv imsemmi ġew proposti aktar strumenti ta' politika xierqa u qed jiġu diskussi. Xi prattiċi ta' kummerċ algoritmiku jistgħu jiġu indirizzati permezz tar-regolamentazzjoni. Fondi ta' riżoluzzjoni tas-settur bankarju jistgħu jkunu ffinanzjati aħjar permezz ta' imposti fuq il-banek.

Jekk tiġi implimentata TFF, ta' min ifakkar li t-TFF għandha bażi ta' taxxa ferm elastika li tista' tkun suġġetta għal forom multipli ta' evażjoni u attivitajiet li jevitawha jekk ma tkunx implimentata fuq livell dinji. Introduzzjoni selettiva ta' TFF twassal biex uħud mill-objettivi oriġinali ma jkunux jistgħu jitwettqu, l-aktar l-armonizzazzjoni fi ħdan suq finanzjarju Uniku tal-UE.

*23. X'inhi l-fehma tiegħek dwar ir-rwoli rispettivi tal-Kunsill u l-BĊE fir-rigward tar-rappreżentanza esterna taż-żona tal-euro?*

Ir-rwoli tal-Kunsill u tal-BĊE fil-qasam tar-rappreżentazzjoni esterna ġejjin mill-kompetenzi ta' politika rispettivi tagħhom li huma stabbiliti fit-Trattat. Għaldaqstant, il-BĊE għandu l-kompetenza esklużiva li jirrapreżenta l-politika monetarja unika u l-kompiti l-oħra tagħha. Il-politika dwar ir-rata tal-kambju hi kompetenza li tinvolvi kemm lill-Kunsill u kemm lill-BĊE. Il-politiki ekonomiċi, min-naħa l-oħra, baqgħu b'mod ġenerali responsabilità tal-Istati Membri, li wkoll jirrapreżentaw dawn il-politiki b'mod estern. B'danakollu, l-Ewropa - u b'mod partikolari ż-żona tal-euro - attwalment għaddejja minn proċess ta' tisħiħ sostanzjali tal-istrutturi ta' governanza ekonomika tagħha. Maż-żmien, dan il-proċess għandu jkun rifless minn koordinazzjoni msaħħa tar-rappreżentanza esterna ta' dawn il-politiki fuq livell globali. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 138 TFUE jipprovdi mod li jiżgura rappreżentanza komuni dwar kwistjonijiet ta' interess partikolari għall-EMU f'fora internazzjonali. Madankollu, din hi kwistjoni politika u għalhekk hu f'idejn l-Istati Membi biex jiddeċiedu.

*24. Kif tivvaluta l-evoluzzjoni riċenti tar-rata tal-kambju USD/EUR?*

Bl-intensifikazzjoni tal-kriżi tad-dejn sovran taż-żona tal-euro fit-tieni nofs tal-2011, l-euro ġiet żvaluta fil-konfront tad-dollaru Amerikan fost volatilità għolja tar-rata tal-kambju. Minn Lulju 2011, l-euro ġiet żvaluta b'madwar 15 % kontra d-dollaru Amerikan. L-euro ddgħajjef l-aktar minħabba li aktar ma beda għaddej iż-żmien aktar nies ma riedux jieħdu riskju globali fost tensjonijiet f'uħud mis-swieq tad-dejn taż-żona tal-euro u perspettiva ta' tkabbir globali li ħżienet.

Minn perspettiva fuq perjodu twil ta' żmien, l-euro kompla jkun konsiderevolment munita stabbli, anke meta mqabbel ma' muniti oħra ewlenin. F'madwar 1.20 sa 1.25 dollari Amerikani għal kull euro, l-euro f'Lulju/Awwissu 2012 kien baqa' qrib il-medja fuq perjodu twil ta' żmien sa mill-bidu tiegħu fl-1999. Dan jenfasizza l-fatt li l-kriżi li għaddejja taż-żona tal-euro ma poġġietx fil-periklu l-valur tal-euro, kemm interment u kemm esternament.

*25. Kif tivvaluta l-evoluzzjoni riċenti tar-rata tal-kambju Renminbi/EUR?*

*Taħseb li l-Banek Ċentrali kapaċi jiġġieldu b'mod effiċjenti kontra l-volatilità eċċessiva? Taħseb li r-rwol internazzjonali tal-euro għandu jitħeġġeġ?*

Filwaqt li l-munita Ċiniża tkompli tagħmel il-kummerċ f'medda relattivament żgħira fil-konfront tad-dollaru Amerikan, l-evoluzzjoni tar-rata tal-kambju tar-renminbi Ċiniż mal-euro tiddependi l-aktr fuq l-iżvilupp tal-euro vis-à-vis id-dollaru Amerikan. L-apprezzament tar-RMB Ċiniż ta' kważi 4 % kontra l-euro sa mill-bidu tas-sena kien, f'dan ir-rigward, riżultat tal-iżvalutar tal-euro vis-à-vis d-dollaru Amerikan (5 %), filwaqt li r-RMB tilef aktar minn 1 % kontra d-dollaru Amerikan. Minn meta l-Bank tal-Poplu taċ-Ċina (PBoC) ħabbar li se jwessa' l-firxa ta' varjazzjoni ta' kuljum tar-renminbi vis-à-vis d-dollaru Amerikan f'nofs April 2012, ir-rata tar-RMB kontra d-dollaru Amerikan ma baqgħetx tielgħa. Filwaqt li din id-dikjarazzjoni ma tistax titqies bħala impenn akbar mill-PBoC biex jippermetti tendenza ta' apprezzament akbar, id-deċiżjoni hi milqugħa mill-perspettiva taż-żona tal-euro minħabba li flessibilità akbar tal-munita hi prekundizzjoni għal ftuħ akbar tal-kont tal-kapital taċ-Ċina.

Wieħed jittama li dan isaħħaħ il-kapaċitajiet tal-parteċipanti tas-suq tal-prezzijiet u tal-ġestjoni tar-riskju u jikkonsolida r-riformi fis-settur finanzjarju li huma tant meħtieġa.

Jien nappoġġa l-approċċ newtrali tal-Eurosistema li l-użu internazzjonali tal-euro la għandu jkun imfixkel u lanqas inkoraġġit. L-użu internazzjonali tal-muniti hu essenzjalment ir-riżultat ta' proċess immexxi mis-suq. Il-komunità internazzjonali għandha r-responsabilità li tiżgura li l-proċess ta' internazzjonalizzazzjoni tal-muniti jkun bla xkiel u ma jiġġenerax minnu nnifsu instabilità finanzjarja. Kif rifless fir-rati relattivament stabbli tal-kambju tal-euro kontra riservi ta' muniti oħra ewlenin, ir-rwol internazzjonali tal-euro baqa' relattivament stabbli matul il-kriżi tad-dejn sovran taż-żona tal-euro.

*26. Kif tivvaluta l-kisbiet tal-G20? X'inhuma l-fehmiet tiegħek dwar il-livell attwali ta' koordinament?*

Il-G20 hu l-forum ewlieni għal kooperazzjoni tal-politiki ekonomiċi fuq livell globali. Speċifikament kellu rwol importanti matul il-kriżi finanzjarja globali tal-2008-2009 u issa matul il-kriżi Ewropea fil-bini ta' forum ta' skambju u ta' kooperazzjoni u dwar spektrum

wiesa' ta' kwistjonijiet ekonomiċi u finanzjarji. Bħala tali, il-G20 b'mod ġenerali kien suċċess minn meta beda jkollu dan ir-rwol fl-2008.

L-isforzi tiegħu biex jissaħħaħ il-funzjonament tas-sistema monetarja internazzjonali huma milqugħa l-istess bħal ma hi milqugħa l-konferma tiegħu dwar il-bini ta' setturi ewlenin fir-riforma regolatorja globali mill-Kumitat Basel u l- FSB.

F'dan il-kuntest, Partikolarment nilqa' t-twaqqif ta' sitt gruppi konsultattivi reġjonali FSB bl-għan li jlaqqgħu flimkien awtoritajiet finanzjarji mill-pajjiżi membri tal-FSB u minn dawk li mhumiex membri biex jippromovu stabilità finanzjarja u skambju ta' fehmiet dwar vulnerabilitajiet li qed jaffettwaw is-sistemi finanzjarji. L-FSB ħabbar l-arranġamenti f'Novembru 2010 biex jespandi u jifformalizza sensibilizzazzjoni lil hinn mis-sħubija tiegħu. Għandi l-privileġġ li għandi l-funzjoni ta' ko-President tal-Grupp Konsultattiv Reġjonali għall-Europa flimkien mal-kollega Brittaniku tiegħi.

Madankollu, is-suċċess ta' dawn l-isforzi internazzjonali se jserrħu fuq l-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali bi qbil mal-Qafas għal Tkabbir b'Saħħtu, Sostenibbli u Bilanċjat. Tassew, fuq il-livell Ewropew u dak globali, l-implimentazzjoni determinata tal-impenji politiċi hi essenzjali.

## ***D. Stabilità u superviżjoni finanzjarja***

*27. Int favur unjoni tal-banek? Jekk iva, x'xejra għandha tieħu? Il-BĊE għandu jkollu rwol ta' kontrollur tal-istituzzjonijiet finanzjarji, u jekk iva, liema rwol? Jekk iva, x'bidliet ta' responsabilità għandhom iseħħu? L-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) għandha xi setgħat ta' kontroll?*

Sabiex tista' tlaħħaq mad-dgħufijiet strutturali tal-qafas ta' stabilità finanzjarja, u b'mod partikolari biex tkisser ir-rabta bejn is-settur bankarju u s-sovrani, iż-żona tal-euro teħtieġ unjoni tal-banek b'awtorità superviżorja bankarja unika għaż-żona tal-euro, supplimentata minn soluzzjonijiet Ewropej wiesgħa għar-riżoluzzjoni bi qbil mal-prinċipji ewlenin tal-FSB u, matul iż-żmien, ta' mekkaniżmu ta' depożitu ta' assigurazzjoni tal-UE.

Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew u fis-samit taż-żona tal-euro f'Ġunju 2012, il-Kapijiet ta' Stat jew tal-Gvern urew impenn li jattivaw l-Artikolu 127(6) tat-TFUE u li jafdaw lill-BĊE b'kompiti ta' kontroll tal-banek taż-żona tal-euro.

Fl-opinjoni tiegħi, il-BĊE għandu jingħata setgħat superviżorji bi qbil mal-prinċipji li ġejjin:

L-ewwel, it-twettiq tas-superviżjoni għandu jkun ibbażat fuq separazzjoni ċara u effettiva mit-twettiq tal-politika monetarja unika. L-objettiv ewlieni tal-BĊE kif imniżżel fit-Trattat hu li jiżgura stabilità tal-prezz fiż-żona tal-euro.

It-tieni, ir-responsabilitajiet superviżorji għandhom ikunu effettivi u komprensivi sabiex jimminimizzaw riskji potenzjali ta' reputazzjoni u riskji ekonomiċi. Dan jimplika li l-perimetru ta' superviżjoni tal-BĊE għandu jinkludi l-banek kollha taż-żona tal-euro filwaqt li l-kompiti superviżorji infushom ikunu organizzati b'mod deċentralizzat.

It-tielet, it-twettiq operattiv tal-kompiti superviżorji għandu jkun deċentralizzat bl-aktar mod

possibbli għall-kontrolluri nazzjonali. Dan jiżgura tqarrib ma' entitajiet li qed jiġu kkontrollati, u wkoll ikun konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà. Fl-istess waqt, il-kompiti tal-kontrolluri nazzjonali għandhom isiru f'koordinazzjoni mill-qrib mal-ESCB billi l-BĊE jingħata aċċess għall-informazzjoni relevanti kollha fil-ħin u permezz ta' proċeduri ta' rappurtar regolari.

Ir-raba', il-kompiti superviżjorji għandhom jitwettqu permezz ta' salvagwardji indipendenti meħtieġa. L-indipendenza tal-bank ċentrali hi l-essenza fir-rigward tal-politika monetarja u din tista' wkoll tipproteġi s-superviżjoni minn indħil estern mhux mixtieq, kif ukoll mir-riskju ta' dominju regolatorju.

Fl-aħħar nett, is-superviżjoni għandha tkun suġġett ta' standards għolja ta' responsabilità demokratika li jiżguraw fiduċja fit-twettiq ta' din il-funzjoni pubblika fiż-żona tal-euro. Il-mezzi ta' responsabilità għas-superviżjoni jeħtieġ ikunu separati, bl-akbar mod possibbli, minn dawk tal-politika monetarja.

Dwar ir-relazzjonijiet mal-ABE, il-BĊE jista' jwettaq superviżjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE u bi qbil mal-istandards tal-ABE. Il-BĊE għandu għalhekk ikompli jappoġġa ċerta attivitajiet vitali tal-ABE, bħal dawk li jippromovu l-konverġenza ta' superviżjoni fuq livell tal-UE. Ma għandux jissostitwixxi l-funzjonijiet tal-ABE, imma biss dawk tal-kontrolluri nazzjonali. Bħala riżultat, il-kompetenzi tal-BĊE m'għandhomx ikunu f'konflitt mal-leġiżlazzjoni tal-UE jew mar-rwol tal-ABE.

*28. X'inhuma l-opinjonijiet tiegħek dwar ir-regolamentazzjoni tal-entitajiet bankarji paralleli?*

Min-naħa prudenzjali hu importanti li riskji inerenti għall-attivitajiet bankarji jkunu indirizzati bħala tali b'mod komprensiv u sistematiku aktar milli wieħed jittratta biss ma' istituzzjonijiet definiti bħala banek regolati. Qed isir xogħol kemm mill-FSB u kemm mill-Kummissjoni Ewropea biex jiġu identifikati oqsma li possibilment jeħtieġu intervent regolatorju. Fl-opinjoni tiegħi, inizjattivi regolatorji jistgħu jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin.

L-ewwel, hu importanti li tiġi promossa ġestjoni xierqa tar-riskju fuq banek u dwar kemm huma esposti għal banek paralleli kif ukoll biex jimminimizzaw inċentivi fi ħdan il-qafas regolatorju li jiffavorixxu tranżazzjonijiet ma' banek paralleli qabel ma jsiru ma' banek regolati.

It-tieni, dwar fondi ta' swieq monetarji, għad hemm diskussjoni dwar jekk nipproċedux b'mod obbligatorju lejn valur ta' attivi netti varjabbli sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' rikors qawwi għall-fondi tas-suq monetarju. L-Eurosistema tqis li hemm il-ħtieġa ta' miżuri addizzjonali li jillimitaw it-trasformazzjoni tal-iskadenza u tar-riskju tal-kreditu.

It-tielet, għandu jiġi kkunsidrat sew ukoll jekk ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar ir-Rekwiziti ta' Kapital (CRD IV) għandhomx ikunu applikati għal kumpaniji ta' ffinanzjar li ma jaċċettawx depożiti bl-għan li jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni ta' arbitraġġ regolatorju futur għall-fornituri tal-krediti.

Ir-raba', tip differenti ta' xogħol tal-FSB jirrigwarda inizjattivi possibbli dwar attivitajiet ta' self repo u ta' titoli. Il-kwistjonijiet li qed jiġu indirizzati jinkludu: in-natura proċiklika tar-

rekwiżiti tal-marġni użati f'titoli ta' tranżazzjonijiet finanzjarji; u r-riskji relatati mal-ipotekar mill-ġdid u l-użu mill-ġdid ta' attivi tal-klijenti. L-FSB se jippreżenta rapport dwar dawn il-kwistjonijiet fi tmiem din is-sena. Dan ir-rapport se jkun il-bażi li fuqu jiġi kkunsidrat liema inizjattivi speċifiċi għandhom jittieħdu fl-UE.

Fir-rigward tas-swieq repo b'mod ġenerali, jien nappoġġa l-proposta reċenti mill-Eurosistema għal inizjattivi xierqa fuq livell tal-UE, bħala sforz konġunt mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-industrija finanzjarja, biex tiġi stabbilita bażi tad-data li jkollha tagħrif aħjar tal-finanzjament tat-titoli u tas-swieq repo. Hu importanti li tiġi akkwistata aktar informazzjoni dwar attivitajiet tas-swieq repo kemm għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja u kemm għall-konsiderazzjonijiet ta' stabilità finanzjarja.

***<u>E. Il-funzjonament tal-BĊE u r-responsabilità demokratika u t-trasparenza</u>***

*29. Fil-fehma tiegħek, ir-responsabilitajiet differenti tal-membri tal-Bord għandhom jinbidlu biż-żmien, bi qbil mat-tibdiliet li qed iseħħu fil-kompiti u l-prijoritajiet tal-BĊE?*

Skont l-organizzazzjoni tal-governanza korporattiva stabbilita bit-Trattat u l-Istatut tal-BĊE/SEBĊ, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE hu korp ta' teħid ta' deċiżjonijiet kolleġġjali. Ir-responsabilitajiet effettivament huma mogħtija lill-Bord Eżekuttiv u mhux lill-membri tiegħu b'mod individwali. Preċiżament dan jippermetti l-isfruttar tal-esperjenza u l-għarfien professjonali espert tal-membri tal-Bord Eżekuttiv. Din il-ġabra ta' ħiliet u ta' modi differenti ta' ħidma uriet li hi vantaġġ estremament importanti għal kull istituzzjoni; dan jidher aktar fi żmenijiet diffiċli bħal dawn li għaddejjin minnhom bħalissa.

Fl-istess ħin, biex jiġi ffaċilitat ix-xogħol ta' kuljum tal-BĊE, ġew stabbiliti linji ta' rappurtar dirett bejn il-membri individwali tal-Bord Eżekuttiv u d-diversi dipartimenti tal-BĊE, skont l-allokazzjoni tal-portafolli deċiżi mill-membri tal-Bord. Din l-allokazzjoni amministrattiva ta' responsabilitajiet maniġerjali ma tippreġudikax in-natura kolleġġjali tat-teħid tad-deċiżjonijiet mill-Bord Eżekuttiv. It-tqassim tal-portafolli jiġi revedut minn żmien għal żmien.

*30. X'sistema taħseb li hija f'lokha biex tiżgura rotazzjoni ekwa tas-sħubija fil-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, anke f'dak li jirrigwarda n-nazzjonalità u l-ġeneru?*

Id-diversità hi kwalità ta' valur kbir. Tippermetti li jkunu konfrontati u rikonċiljati metodi ta' ħidma differenti, u b'hekk tarrikkixxi u ssaħħaħ it-teħid tad-deċiżjonijiet. Hu għalhekk importanti li tkun promossa d-diversità.

Għalhekk, l-uniċi kundizzjonijiet provduti fit-Trattat u fl-Istatut tal-BĊE/SEBĊ biex jinħatru l-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jirrigwardaw l-għarfien professjonali espert u l-esperjenza tagħhom: "il-membri (…) tal-Bord Eżekuttiv għandhom jinħatru minn fost persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji". Il-qafas legali applikabbli ma jippermettix li jiġu stabbiliti kriterji oħra minbarra dawk imniżżla fid-dispożizzjoni eżistenti tat-Trattat.

*31. X'inhi l-fehma tiegħek dwar il-ħtieġa li titkabbar id-diversità tal-esperjenzi rrappreżentati fil-Bord tal-BĊE, aktar milli nserrħu esklussivament fuq il-bankiera ċentrali?*

*X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar il-problema tal-"skambju ta' karigi" (revolving doors) bejn il-korpi superviżorji jew regolatorji u l-istituzzjonijiet privati fl-istess qasam?*

Kif diġà ġie nnotat fir-risposta tiegħi għall-mistoqsija preċedenti, id-diversità hi kwalità ta' valur kbir li tarrikkixxi u ssaħħaħ it-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan japplika wkoll għad-diversità f'termini ta' għarfien u esperjenza professjonali: dan jistimula r-riflessjoni, jarrikkixxi l-bini ta' opinjoni u jwassal għal teħid ta' deċiżjonijiet tajba u solidi.

It-Trattat ma jirrestrinġix il-bażi tar-reklutaġġ tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għal xi professjoni partikolari imma, fl-istess interess tal-BĊE, jiffoka fuq it-tagħrif u l-esperjenza tal-kandidati. It-Trattat jitlob li l-kandidati jkollhom 'reputazzjoni rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjoni monetarji jew bankarji', irrispettivament minn fejn kisbu din ir-reputazzjoni jew iggwadanjaw din l-esperjenza.

Ta' min jinnota li l-fatt li bankier ċentrali jiġi magħżul biex isir membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE ma jfissirx li din il-persuna kellha karriera sħiħa bħala bankier ċentrali. Fil-fatt, ħafna minna (inkluża jiena) kellna esperjenza professjonali preċedenti jew f'qasam ieħor tas-settur pubbliku (it-Teżor), f'akkademja u jew f'settur (finanzjarju) privat. L-esperjenza u l-edukazzjoni legali tiegħi jistgħu joffru aspett ta' diversità għall-Bord Eżekuttiv tal-BĊE.

Ir-riskju ta' konflitt ta' interess wara li jiskadi l-mandat ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE hu indirizzat fil-qafas legali applikabbli. Pereżempju, il-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri tal-Kunsill Governattiv timponi sena ta' perjodu ta' riflessjoni (cooling off period) li fih membri preċedenti għandhom ikomplu jevitaw kwalunkwe konflitt ta' interess li jista' jkun hemm minn attivitajiet privati jew professjonali ġodda. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet ta' impjieg għall-membri tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE ma jħallihomx jaċċettaw l-ebda pożizzjoni bħala persunal, kariga maniġerjali, konsultattiva jew ta' konsulenza, kemm jekk imħallsa jew le, minn entità li tkun kontroparti fil-politika monetarja tal-Eurosistema jew ta' operazzjoni ta' kambju f'valuta barranija.

Din il-projbizzjoni tapplika sa sena wara tmiem il-kompiti tagħhom, suġġett għal kwalunkwe deċiżjoni tal-Kunsill Governattiv.

*32. X'ikun l-approċċ personali tiegħek rigward id-djalogu soċjali fil-BĊE?*

Iż-żamma ta' djalogu siewi bejn min iħaddem u l-impjegati mhux biss huwa essenzjali biex jimmotiva lill-persunal imma wkoll biex ikun hemm tmexxija tajba tal-organizzazzjoni.

Jiena konxja li l-BĊE jinkonsulta r-rappreżentanti tal-persunal dwar bidliet fil-kundizzjonijiet tal-impjieg u politiki relatati u jien nimpenja ruħi li nappoġġa din il-prattika. Barra minn hekk, bħala membru kandidata tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE, jien nilqa' l-prattika attwali li niltaqa' mar-rappreżentanti tal-persunal direttament f'laqgħa annwali u f'okkażjonijiet oħra, skont ir-responsabilitajiet u ċ-ċirkustanzi. B'mod ġenerali, jiena nqis importanti li nżomm il-fiduċja u l-ftehim bejn ir-rappreżentanti tal-BĊE u r-rappreżentanti tal-persunal.

Il-BĊE iżomm djalogu wkoll mar-rappreżentanti tal-persunal tal-SEBĊ, sabiex jinfurmahom

dwar deċiżjonijiet li jittieħdu mill-korpi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-BĊE li jista' jkollhom impatt importanti fuq is-sitwazzjoni tal-impjieg tal-banek ċentrali.

*33. Tkun favur proċedura ta' konferma mill-Parlament Ewropew (minkejja l-kwistjonijiet kostituzzjonali li tali bidla tqajjem)?*

Skont l-Artikolu 283 TFUE l-għan ewlieni tal-proċedura għal ħatra ta' membru tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkun li jiggarantixxi li "persuni ta' statura rikonoxxuta u esperjenza professjonali fi kwistjonijiet monetarji jew bankarji" jiġu magħżula għal din il-pożizzjoni. It-Trattat jagħti d-dritt tal-ħatra lill-Kunsill Ewropew imma jista' jagħmel dan "wara li jkun ikkonsulta lill-Parlament Ewropew".

Skont ħatriet preċedenti u eżistenti, is-sistema attwali b'mod adegwat tat kandidati li wettqu dmirijiethom b'mod ammirevoli. Minn din il-perspettiva, ma narax indikazzjonijiet qawwija li jitolbu reviżjoni ta' din il-prattika. Madankollu, mhuwiex f'idejn bankier ċentrali li jiddeċiedi dwar kwistjonijiet proċedurali li - kif xieraq - jaqgħu strettament fil-kamp ta' applikazzjoni tal-partijiet għat-Trattati.

*34. Tista' telabora fuq fehmietek dwar il-kunċett tar-responsabilità demokratika fir-rigward tal-BĊE u tal-banek ċentrali inġenerali?*

Ir-responsabilità demokratika hi essenzjali biex tiggarantixxi l-leġittimità u t-twettiq tal-mandat primarju tal-BĊE vis-à-vis l-awtoritajiet pubbliċi u politiċi. Il-Parlament Ewropew, bħala l-unika istituzzjoni eletta direttament għandu rwol fundamentali biex iżomm responsabbli lill-BĊE. Mekkaniżmi ta' responsabilità għalhekk jiżguraw li l-BĊE qed jaġixxi skont il-mandat tiegħu. Il-BĊE ġie fdat b'indipendenza qawwija mit-Trattat, ibbażata fuq evidenza li dan l-arranġament hu l-aktar adatt biex jiżgura stabbilità tal-prezzijiet.

Fl-istess ħin, il-BĊE impenja ruħu li jissodisfa l-ogħla standards ta' responsabilità lejn il-pubbliku inġenerali, il-Parlament Ewropew kif ukoll parteċipanti tas-suq finanzjarju u jmur lil hinn mill-obbligi statutorji tiegħu fl-attivitajiet regolari ta' rappurtar tiegħu. L-aktar importanti, il-BĊE jippubblika Rapport

Annwali, Bulletin kull xahar, dikjarazzjonijiet finanzjarji kull ġimgħa u għadd kbir ta' rapporti addizzjonali u dokumenti ta' riċerka, li huma aċċessibbli għall-pubbliku b'mod ġenerali fuq is-sit tal-internet tal-BĊE. Is-sit tal-internet tal-BĊE barra minn hekk jipprovdi lill-pubbliku l-opinjonijiet legali tal-BĊE, l-atti legali tal-BĊE - pereżempju dwar operazzjonijiet tal-politika monetarja, ġabra wiesgħa ta' statistika kif ukoll informazzjoni dettaljata għal utenti b'interess speċjali. Darba fix-xahar, il-BĊE jispjega d-deċiżjonijiet ta' politika monetarja f'konferenzi stampa u jwieġeb mistoqsijiet mill-ġurnalisti, li jirrappreżentaw approċċ miftuħ u trasparenti għall-komunikazzjoni ċentrali tal-bank. L-impenn tal-BĊE għar-responsabilità u t-trasparenza jidher ukoll mill-ammont ta' diskorsi li jagħmlu l-membri tal-Kunsill Governattiv. Jien nappoġġa bis-sħiħ l-approċċ tal-BĊE li jagħti spjegazzjonijiet fil-ħin reali, regolari u komprensivi tal-valutazzjoni tal-politika monetarja u tad-deċiżjonijiet tiegħu. It-teknoloġiji tal-informatika, bħall-internet, huma opportunità siewja ferm biex l-informazzjoni tkun disponibbli għal udjenza kbira bi prezz irħis.

Il-Parlament Ewropew fil-funzjoni tiegħu bħala korp elett demokratikament fuq livell Ewropew iżomm lill-BĊE responsabbli. Darba fis-sena, il-Parlament Ewropew jadotta Riżoluzzjoni dwar ir-Rapport Annwali tal-BĊE, li tiġi ppubblikata dak inhar li tkun ippreżentata lill-Parlament Ewropew.

Fid-Djalogu ta' kull tliet xhur, il-President tal-BĊE jirraporta dwar azzjonijiet tal-politika monetarja Fl-opinjoni tiegħi, dan id-djalogu kien siewi ferm tul il-kriżi biex spjega l-miżuri ta' politika tal-BĊE. Repetutament, is-seduti ta' smigħ bdew diskussjoni pubblika wiesgħa dwar miżuri meħtieġa biex jingħelbu l-isfidi ekonomiċi.

Il-Banek Ċentrali Nazzjonali jinsabu f'sitwazzjoni simili fir-relazzjoni tagħhom mal-parlamenti nazzjonali skont il-qafas legali tagħhom. Fil-kapaċità tiegħi ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Lussemburgu kelli esperjenzi li fihom kont mistiedna mill-Parlament nazzjonali biex nesprimi l-opinjoni tiegħi dwar is-sistwazzjoni ekonomika, l-istabilità finanzjarja, il-pożizzjoni fiskali, il-kwistjonijiet strutturali eċċ.

*35. X'konklużjonijiet tislet mit-tqabbil bejn il-politiki ta' trasparenza tal-Federal Reserve Bank u tal-BĊE? X'taħseb dwar il-pubblikazzjoni tal-minuti tal-laqgħat tal-Fed jew tal-Bank of England? Taħseb li din il-politika tista' titħaddem mill-BĊE?*

Politika monetarja trasparenti tipprovdi lill-pubbliku b'informazzjoni li hi relevanti biex ikun jista' jifhem aħjar u jkejjel il-politika monetarja tal-bank ċentrali. It-trasparenza tgħin lill-pubbliku jivvaluta l-prestazzjoni tal-bank ċentrali. Barra minn hekk, tgħin lill-pubbliku jifforma dak li qed jistenna mil-linja ta' politika futura tal-bank ċentrali, b'hekk tiffaċilita t-twettiq tal-mandat tal-bank ċentrali. Għalhekk, il-komunikazzjoni u l-interazzjoni trasparenti mal-pubbliku llum huma ferm rikonoxxuti li jtejbu l-kredibilitià, il-prevvedibilità u l-effikaċja tal-politika monetarja. Mill-bidu, il-BĊE enfasizza li t-trasparenzqa hi element importanti tal-approċċ tal-politika monetarja tiegħu, li tippreżenta u tispjega d-deċiżjonijiet ta' politika tiegħu b'mod miftuħ, ċar u fil-ħin lill-pubbliku ġenerali.

Il-BĊE ħabbar strateġija tal-politika monetarja formali b'definizzjoni kwantifikata tal-istabilità tal-prezzijiet. Barra minn, id-deċiżjonijiet ta' politika huma spjegati mill-President tal-BĊE f'konferenza stampa ta' kull xahar, f'dikjarazzjonijiet għall-istampa u f'ħafna pubblikazzjonijiet oħra tal-BĊE. Hu ġust ngħid li s'issa l-approċċ tal-Fed b'mod ġenerali qorob lejn il-prattika tal-BĊE. F'Jannar 2012 il-Fed iċċara li r-rata tal-inflazzjoni ta' 2 % fuq perjodu twil ta' żmien issa hi meqjusa bħala konsistenti mal-mandat tal-Fed. Din id-definizzjoni tal-istabilità tal-prezzijiet hi ferm simili għad-definizzjoni tal-BĊE li żżomm l-inflazzjoni aktar baxxa, imma qrib it-2 %. Fl-2011 il-President Bernanke ukoll beda jagħti konferenzi stampa wara xi laqgħat tal-Federal Open Market Committee (Kumitat Federali tas-Suq Miftuħ); prattika - u jien niftakar sew din id-deċiżjoni intenzjonata - li l-BĊE diġà kien adotta fl-ewwel jiem tiegħu, i.e. fl-1998.

It-trasparenza mhux biss tgħin lill-bank ċentrali jwettaq il-mandat tiegħu b'mod aktar effettiv, imma wkoll tippermettilu li aktar faċilment jinżamm responsabbli għall-azzjonijiet tiegħu. Imma, minħabba li teżisti għodda differenti għal banek ċentrali biex isaħħu l-komunikazzjoni tagħhom, il-banek ċentrali għandhom jagħżlu dak il-mezz l-aktar xieraq skont iċ-ċirkustanzi. B'mod speċjali, il-kumitati tal-politika monetarja jistgħu jkunu suġġetti għal modi ta' responsabilità differenti. Filwaqt li ħafna kumitati huma suġġetti għal sistema ta'

responsabilità kollettiva (il-Fed u l-BĊE), xi oħrajn huma bbażati fuq responsabilità individwali ta' dawk li jfasslu l-politika, bħall-Bank of England. Iż-żewġ approċċi għandhom vantaġġi u żvantaġġi, kif ukoll iħallu impatt fuq il-komunikazzjoni tal-bank ċentrali. Fejn il-pubblikazzjoni tal-minuti tad-deliberazzjonijiet tal-politika monetarja jistgħu jgħinu lill-pubbliku biex jipprevedi l-bidliet futuri tar-rati ta' interess, dan il-vantaġġ għandu jiġi bbilanċjat kontra r-riskju li l-pubbliku bl-istess mod jagħti aktar importanza lill-opinjonijiet individwali milli l-argumenti ekonomiċi relevanti u d-deċiżjoni meħuda mill-maġġoranza speċjalment fin-nuqqas ta' unjoni politika.

Barra minn hekk, fil-każ tal-BĊE, it-Trattat stess jistabbilixxi l-kunfidenzjalità tal-proċedimenti tal-laqgħat tal-Kunsill Governattiv. Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiggarantixxi l-indipendenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-politika monetarja u tiżgura r-responsabilità kollettiva tal-membri tal-Kunsill Governattiv kollu kemm hu. Dawn iċ-ċirkustanzi jiġġustifikaw li l-BĊE jipprovdi informazzjoni li tiffoka fuq il-valutazzjoni kollettiva tal-Kunsill Governattiv. Id-Diskors Introduttorju ta' kull xahar tal-President jipprovdi lill-pubbliku sommarju komprensiv tal-valutazzjoni rilevanti għall-politika dwar żviluppi ekonomiċi. Il-konferenza stampa ta' kull xahar li ssir immedjatament wara kull laqgħa tal-politika monetarja, li tinkludi sessjoni ta' mistoqsija u tweġiba, tipprovdi pjattaforma għal spjegazzjoni f'waqtha tad-diskussjonijiet u deċiżjonijiet tal-politika monetarja.

Barra minn hekk, il-BĊE jippubblika wkoll fuq is-sit tal-internet tiegħu, fi tmiem kull xahar, sommarju qasir ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Governattiv 'il barra mill-qasam tal-politika monetarja. Minħabba li permezz ta' dawn il-mezzi, informazzjoni komprensiva u spjegazzjonijiet isiru disponibbli għall-pubbliku fil-ħin reali, jien ma narax raġuni valida biex tinbidel din il-prattika attwali.

*36. X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar id-djalogu monetarju mal-Parlament Ewropew? Il-membri tal-bord tal-BĊE jistgħu jiddiskutu l-politika monetarja u d-deċiżjonijiet tiegħu ma' atturi politiċi oħra, jew dan ikun ta' ħsara għall-indipendenza tal-bank?*

Is-seduti ta' smigħ regolari attwali ta' kull tliet xhur huma wieħed mill-mekkanżmi ta' responsabilità demokratika tal-BĊE. Huma jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn l-MEPs u l-BĊE u aktar reċenti fil-kuntest tal-kriżi ippermettew diskussjoni siewja dwar miżuri ta' riżoluzzjoni potenzjali. B'mod kruċjali jippermettu lill-BĊE jispjega l-loġika u r-raġunijiet wara l-miżuri li jieħu. Għalhekk, id-Djalogu Monentarju ta' kull tliet xhur hu għodda ta' komunikazzjoni importanti għall-Parlament kif ukoll għall-pubbliku inġenerali. Filwaqt li jeħtieġ jinżammu relazzjonijiet ta' ħidma effiċjenti ma' korpi politiċi oħra bħal l-Eurogrupp u l-Kunsill ECOFIN, partikolarment fil-kuntest tar-riżoluzzjoni tal-krizi finanzjarja u tad-dejn sovran, hu ferm importanti li l-Parlament Ewropew jibqa' l-uniku korp li jżomm lill-BĊE responsabbli. Minħabba l-mandat tal-BĊE li jżomm l-istabilità tal-prezzijiet għa-żona tal-euro kollha, il-Parlament Ewropew hu l-istituzzjoni xierqa biex tagħti kwittanza demokratika għar-responsabilità fil-forma ta' djalogu monetarju.

*37. Fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-aktar riskji u sfidi importanti għall-BĊE?*

Iż-żona tal-euro hi attwalment ikkonfrontata minn kriżi li fiha ħafna aspetti, li l-elementi tagħhom marbuta mill-qrib ma' xulxin - swieq ta' dejn sovran ferm volatili, settur finanzjarju instabbli, tkabbir baxx jew negattiv f'diversi Stati Membri. Għalhekk il-BĊE qed ikun iffaċċat minn diversi sfidi sinifikanti.

Fiċ-ċentru tal-kompiti taħt ir-responsabilità tal-BĊE hemm it-twettiq tal-politika monetarja bl-għan li tiżgura stabbilità tal-prezzijiet għaż-żona tal-euro kollha.

B'mod inkwetanti, il-kriżi dgħajfet it-trażmissjoni xierqa tal-pożizzjoni tal-politika monetarja tal-BĊE lill-ekonomiji tal-Istati Membri. B'mod aktar speċifiku, ir-rati ta' interess tal-politika monetarja mhux qed jiġu mgħoddija fl-ekonomija kif kienu jgħaddu qabel il-kriżi. Bħala risposta, il-BĊE rrikorra għal miżuri tal-politika monetarja mhux standard bl-għan li jsostni l-mekkaniżmu ta' trażmissjoni u jiżgura li r-rati ta' interess jiġu mgħoddija b'mod xieraq lill-ekonomija reali. Jeħtieġ monitoraġġ kostanti, u l-BĊE irid jieħu passi kuraġġużi meta meħtieġ biex jiżgura t-twettiq tal-mandat tiegħu.

Minħabba li l-kriżi qed taffettwa l-pajjiżi taż-żona tal-euro b'modi differenti, rajna diverġenza akbar fl-indikaturi ekonomiċi fiż-żona kollha tal-euro. F'dan l-ambjent ta' eteroġeneità akbar, il-BĊE jrid ikompli jwettaq il-mandat tiegħu biex jiżgura l-istabilità tal-prezzijiet għaż-żona kollha tal-euro. It-tfassil maħsub tar-rispons tal-politika tal-BĊE għenet biex tnaqqas l-eteroġeneità fil-kundizzjonijiet finanzjarji, ippermettiet li jittieħdu miżuri differenzjati fiż-żona kollha tal-euro, u għenet biex ikun hemm trażmissjoni mingħajr xkiel tal-politika monetarja. Madankollu, l-eteroġeneità se tkompli tkun sfida għall-politika tal-BĊE sakemm l-ekonomiji taż-żona tal-euro jibqgħu vulnerabbli.

B'mod partikolari, ir-riskji għall-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro se jkomplu jippersistu fid-dawl tal-persistenza tad-dejn sovran u l-interazzjoni tiegħu mas-settur bankarju. Bi qbil mal-mandat tiegħu li jippriserva l-istabilità tal-prezzijiet, il-BĊE ħa azzjoni malajr u deċisiva biex jipprovdi l-likwidità lill-banek taż-żona tal-euro f'perjodu ta' inċertezza kbira. Sa ċertu punt din evitat problemi ta' likwidità milli jsiru problemi ta' solvenza u għalhekk sostniet l-istabilità finanzjarja. Madankollu, aktar żbilanċi fundamentali fis-sistema tal-banek jeħtieġ jiġu indirizzati mill-awtoritajiet xierqa. Azzjoni deċiżiva minn dawk li jfasslu l-politika lejn it-twaqqif ta' unjoni tas-suq finanzjarju fiż-żona tal-euro hi meħtieġa biex is-sistema bankarja jkollha bażi soda fil-futur. It-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' superviżjoni uniku hu pass importanti f'dan ir-rigward.

Fl-aħħar nett, il-kriżi attwali uriet nuqqasijiet fil-qafas ta' governanza

tal-EMU. Il-politiki adottati mis-sovrani Ewropej kienu inkosistenti mas-sħubija f'unjoni ta' munita, u għalhekk, f'xi każi dgħajfu l-fiduċja tas-swieq finanzjarji u, fuq perjodu twil ta' żmien, is-sostenibilità tal-baġits nazzjonali. F'ħafna każi, il-konsolidament fiskali u r-riformi strutturali qabel il-kriżi kienu insuffiċjenti. Hu ferm meħtieġ qafas ta' governanza ekonomika Ewropea sostanzjalment imsaħħaħ. Filwaqt li sar progress sinifikanti - it-tisħiħ tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, l-introduzzjoni tas-Semestru Ewropew, l-adozzjoni tal-Kuntratt Fiskali u t-twaqqif tal-mekkaniżmu Ewropew ta' riżoluzzjoni tal-kriżi, għad fadal xi jsur. Minbarra li tiġi mwaqqfa unjoni tas-suq finanzjarju, iż-żona tal-euro teħtieġ tagħmel progress lejn oqsfa ta' politika integrati għal politiki fiskali u ekonomiċi kif ukoll lejn unjoni politika, biex tiżgura l-leġittimità politika f'dan il-proċess. Fl-aħħar nett, il-gvernijiet taż-żona tal-euro jeħtieġ jikkondividu ferm aktar sovranità fuq il-politiki ekonomiċi, fiskali u tas-suq finanzjarju

tagħhom fuq livell Ewropew.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 22.10.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 20<br>–: 13<br>0: 12 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Burkhard Balz, Elena Băsescu, Sharon Bowles, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Ildikó Gáll-Pelcz, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Syed Kamall, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Ivari Padar, Alfredo Pallone, Anni Podimata, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Jean-Pierre Audy, Pervenche Berès, Saïd El Khadraoui, Sari Essayah, Robert Goebbels, Roberto Gualtieri, Danuta Maria Hübner, Sophia in 't Veld, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Sirpa Pietikäinen, Gianni Pittella, Nils Torvalds |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Julie Girling, Charles Goerens, Erminia Mazzoni |